NEWSPAPER POST

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

# L-ANZJANI LLUM

**Nru. 98** **April - Ġunju 2020**

## Awguri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani lill-Prim Ministru l-ġdid l-Onor. Dr Robert Abela



Il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, is-Sur Anthony Mulè Stagno, flimkien mal-Membri kollha tal-istess Kunsill, jifirħu lil Dr Robert Abela għall-ħatra tiegħu bħala l-Prim Ministru ta' Malta u jawgurawlu kull suċċess fil-ħidma l-ġdida tiegħu b'risq il-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Il-President u l-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jieħdu din l-okkażjoni biex iwiegħdu l-impenn sħiħ tagħhom u jħarsu 'l quddiem lejn iktar kooperazzjoni bejn iż-żewġ naħat għall-ġid u l-prosperità tal-anzjani kollha Maltin u Għawdxin.



## Is-Segratarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità l-Onor. Silvio Parnis

Silvio Parnis twieled Raħal Ġdid fl-1965. Huwa miżżewweġ lil Dorianne *neè* Cauchi u għandhom iben jismu Jacob.

Fil-bidu tal-karriera tiegħu, Silvio Parnis serva fid-Dipartiment tal-Kura tas-Saħħa fil-gradi ta' *Health Supervisor* u dak ta' *Assistant Social Worker* fir-Residenza *St. Vincent de Paul.* Fuq stazzjon tat-*television* privat, Silvio Parnis serva wkoll bħala preżentatur ta' programmi li jittrattaw suġġetti ta' natura soċjali u ġrajjiet kurrenti.

Bejn l-1994 u l-1998, Silvio Parnis kien jokkupa l-kariga ta' Sindku tar-Raħal Ġdid u, fl-1998, huwa kkontesta l-elezzjoni f'isem il-Partit Laburista fuq ir-Raba' Distrett u kien elett Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

Bejn is-snin 2003 u l-2008, Silvio Parnis kien il-kelliem ewlieni tal-Oppożizzjoni fuq dak kollu li għandu x'jaqsam mal-anzjani u ħejja l-*position paper* tal-istess partit għal dan is-settur flimkien ma' team ta' esperti.

Fl-2008 kien maħtur bħala kelliem ewlieni tal-Partit Laburista għall-Ħarsien tal-Konsumatur. Aktar tard matul il-leġiżlatura, Silvio Parnis serva bħala l-Kelliem ewlieni tal-Partit Laburista għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nofsinhar ta' Malta.

Huwa reġa` ġie elett fil-Parlament Malti mir-raba` distrett f'Marzu tal-2013, fejn il-Prim Ministru ħatru Chairman tal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta, u segwa bosta proġetti fosthom il-Proġett tal-Pjazza ta' Raħal il-Ġdid, l-Istudju dwar Wied Blandun u l-Kunċett ġdid dwar il-Ġonna tal-Qari. Mill-2013 sal-2017, okkupa wkoll ir-rwol ta' Chairman tal-Kumitat tal-Abbozzi.

Fl-2017 il-Prim Ministru Joseph Muscat ħatar lil Silvio Parnis bħala Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet. Hekk kif ħa dan l-inkarigu huwa beda minnufih ħidma li għandha twassal għal Riforma kemm fil-Gvern Lokali kif ukoll fl-Infurzar Lokali.

F'Jannar 2020, il-Prim Ministru Robert Abela ħatar lil Silvio Parnis bħala Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u Persuni b'Diżabilità.

F'isem il-President u l-Membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, nifirħu lill-Onor. Silvio Parnis għal din il-kariga u nawgurawlu ħidma sfieqa b'risq l-anzjani kollha Maltin u Għawdxin.



Għeżież,

Fis-sitwazzjoni li ninsabu bħalissa, u fuq pariri u żviluppi li tħabbru, il-Kunsill jixtieq javża li l-Assemblea Ġenerali Annwali 2020, li kellha ssir nhar is-Sibt, 14 ta' Marzu 2020, ġewwa l-Istitut Kattoliku, il-Furjana, ġiet posposta għal data aktar tard li titħabbar aktar il-quddiem.

Nixtieq navża li l-laqgħat kollha inkluż il-laqgħat li nagħmlu bejnietna kull l-ewwel tnejn tax-xahar ser jiġu sospiżi sakemm is-sitwazzjoni tkun tippermetti li jkomplu.

Filwaqt li nixtieqilkom kull ġid u saħħa,

Inselli għalikom,

Anthony Mulè Stagno
President - KNA

# Kompetizzjoni bi premju għal disinn għal faċċata ġdida għal dan il-fuljett, 'L-Anzjani Llum'

Nixtiequ nibdlu l-faċċata ta' dan il-fuljett tagħkom, 'L-Anzjani Llum', u nagħmlu xi ħaġa aktar friska u aktar moderna. Għal dan il-għan, qed nistiednu lil dawk kollha interessati biex, **sat-30 ta' Ġunju 2020**, jissottomettu disinn addattat għall-faċċata ta' dan il-fuljett.
Il-qies tad-disinn irid ikun ta' folja A4 (21cm x 29.7cm) *portrait* u jrid jinkorpora fih:
l-isem: L-ANZJANI LLUM;
il-logo flimkien mal-kliem: Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani;
il-kliem: Newspaper Post;
in-Numru tal-ħarġa; u,
ix-xhur bħal, pereżempju, April - Ġunju 2020.
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani lest li jħallas rigal ta' €**100** (mitt ewro) lil min jissottometti disinn li jogħġob lill-Bord Editorjali u jkun addottat bħala l-faċċata l-ġdida ta' dan il-fuljett.
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jirriżerva d-dritt li jvarja jew ibiddel id-disinn kif jidhirlu li hu xieraq.
Ebda membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani ma jista' jieħu sehem f'din il-kompetizzjoni.
Sottomissjonijiet għandhom jintbagħtu lill:

**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mauro Inguanez**
**Birkirkara BKR 4811**

jew permezz ta' email lil: **kna@onvol.net**

# Coronavirus - Helpline għall-anzjani li ma għandhom il-ħadd min jaqdihom



Dawk l-anzjani li ma għandhomx min jgħinhom u li għandhom bżonn ta' xi mediċini, ikliet lesti, jew inkella xi prodotti tal-ikel bħal frott u ħaxix jistgħu jingħataw l-għajnuna meħtieġa billi ċemplu fuq wieħed minn dawn it-telefonati skond il-ħtieġa:

- 111 – Għall-persuni li jħossu sintomi tal-COVID-19 jew jixtieq iktar informazzjoni;
- 2141 1411 – Għall-persuni fi kwarantina mandatorja li għandhom bżonn provvista ta' ikel u mediċina;
- 2590 3030 – Helpline għall-Anzjani ta' 'l fuq minn 60 sena għall-mediċini, ikliet lesti, jew prodotti tal-ikel bħal frott u ħaxix;

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Anthony Mulè Stagno,
Mary Farrugia, Nazju Abela,
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anthony Mulè Stagno

**Viċi President:**
Peter Paul Bonnici

**Segretarju:**
Anthony Deguara

**Ass. Segretarja:**
Doris Aquilina

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**U.R.P.:**
Nazju Abela

**Membri:**
Mary Farrugia
Alfred Mallia
Joseph Micallef
Frank Mumford
Pauline Zammit
Lino Debono (Co-Opted)

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860, 27 350271**
**E-mail: kna@onvol.net**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

## *EDITORJAL*



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Kien il-ħassieb kbir Albert Einstein li qal: "Naf b'żewġ affarijiet li naħseb li huma infiniti; l-univers u l-istupidità tal-bniedem; u, dwar tal-ewwel, għandi d-dubji tiegħi!" Ma ninsewx li Einstein kien Lhudi Ġermaniż li, fl-1933, ħarab mill-Ġermanja ta' Hitler u mill-qilla tan-Nażi u mar l-Istati Uniti tal-Amerka. Hemmhekk, huwa kellu sehem kbir fil-*Manhattan Project* li wassal għall-ħolqien tal-bomba atomika. Ħadd daqs Einstein ma kien jaf il-forza, il-qawwa, l-enerġija u l-potenzjal ta' din il-bomba. Huwa ma kienx favur li din l-arma qerrieda tintuża fil-gwerra. Kien tal-fehma li l-fatt li l-Amerka kellha l-bomba atomika, kellu jservi ta' deterrent qawwi biżżejjed biex il-gwerra tieqaf. Imma, kif kulħadd jaf, fl-1945, l-istupidità tal-bniedem insistiet mod ieħor. Dwar l-univers, jien naħseb li, bħali, Einstein ukoll kien jemmen li dan huwa infinit u naħseb ukoll li huwa żied dak il-kumment aħħari tiegħu iktar b'sens ta' ċiniċiżmu biex jenfasiżża l-istupidità li jaf jasal għaliha l-bniedem xi minn daqqiet milli għax verament kellu xi dubji dwar l-infinità tal-univers.

Ftit ilu, ġiet għall-attenzjoni tiegħi mistoqsija interessantissima oħra. Ix-xejn jista' jeżisti? Din hija waħda minn dawk il-mistoqsijiet li t-tweġibiet għaliha huma jew iva jew inkella le. Imma, sew jekk iva u sew jekk le, iż-żewġ tweġibiet it-tnejn iwassluni għall-konklużjoni li l-ispazju huwa infinit. Għax, jekk ix-xejn mhux konċepibbli li jeżisti, dan, minnu nnifsu, iwassallni biex nemmen li l-ispazju huwa infinit. Mill-banda l-oħra, jekk ix-xejn jista' jeżisti, allura, ix-xejn huwa xi ħaġa u, għaldaqstant, dan ukoll jikkonfermali t-twemmin tiegħi li l-univers huwa infinit.

Imma, x'jien ngħid? Oħti l-kbira żgur li se terġa' takkużani li qed nitkellem tqil. Ċikku l-poplu ma jinteressahx mill-metafiżika! Dak mill-affarijiet mundani tal-ħajja ta' kuljum jinteressah; mill-*hear and now*; għix għal-lum għax għada ħadd ma rah; *savour the moment; carpe diem;* u mela jekk l-univers hux infinit jew le. U dan iġibni għal ħassieb ieħor, Abraham Maslow, u t-teorija tiegħu tal-ġerarkija tal-bżonnijiet tal-bniedem. Għax tgħid, minnhom infushom, dawn ukoll huma infiniti għax huma relattivi. Il-bniedem ma jikkuntenta ruħu qatt u b'xejn; dejjem irid iżjed; skont iċ-ċirkustanzi. Għall-ewwel, l-aktar li jinteressah huwa l-bukkun biex jitrejjaq; il-ħobża ta' kuljum. Meta jakkwista dik, ikun irid saqaf fuq rasu u xi ħaġa biex jitgħatta ħalli jtaffi l-qilla tal-elementi tan-natura. Meta jserraħ rasu minn dawk, jibda jfittex xogħol fiss u garantit. U, meta jakkwista dak ukoll, allura jkun irid is-serħan tal-moħħ ta' familja flimkien ma' eredi, biex jassiguralu l-perpetwazzjoni tiegħu innifsu għall-ġejjieni. Wara dawn, jibda jfittex l-eliżier tal-ħajja eterna u l-immortalità. U, jekk jara li dawn mhumiex possibbli, allura jibda jittama f'ħajja oħra wara din f'post isbaħ minn dan fejn m'hemmx u la mard, la gwerer u lanqas diżastri naturali; ġenna mingħajr tbatija, mingħajr moħqrija, mingħajr inkwiet u mingħajr inġustizzji; Nirvana, Shangrila.

Kien ħassieb ieħor, Luca, li ġabni f'sensija. Ħassieb ieħor li, forsi, mhux kbir daqs Einstein jew daqs Maslow imma mhux ta' min jarmih lanqas. Luca huwa t-tifel tat-tifel tiegħi. Meta kien għadu żgħir u kien jinzerta jkun qiegħed għandi u jien kont inkun qed nara xi dokumentarju fuq id-*Discovery* jew fuq in-*National Geographic,* Luca kien iħobb joqgħod ħdejja u joqgħod jara miegħi u, fl-istess waqt, joqgħod jiffittani b'ħemel mistoqsijiet li, ħafna minnhom, tassew ituk x'taħseb. Darba waħda, donnu iktar biex jikkonferma dak li diġà kien wasal għalih milli biex ikun jaf it-tweġiba, qalli: "Nannu, x'jiġifieri infinit?" Għidtlu: "Infinit jiġifieri bla bidu u bla tmiem; kbir immens; ma jispiċċa qatt!" U Luca qalli: "Allura, jekk l-ispazju huwa infinit, il-kamra tiegħi għaliex m'għamluhielix kemm kemm ikbar?" Għidtlu: "Dik mur staqsieha 'l ommok u 'l missierek, għax dawk periti, mhux jien. Jien biċċa editur kulma jien, jaħasra!" Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

# RAPPORT AMMINISTRATTIV TAS-SENA 2019

Bħas-snin ta' qabel il-Kunsill żamm il-laqgħat kull l-ewwel Tnejn tax-xahar, b'dawn l-eċċezzjonijiet: Il-laqgħa ta' Marzu ma saritx minħabba li ma kellniex kworum. Il-laqgħa ta' Ottubru kellha ssir fit-tieni Tnejn tax-xahar minnħabba li l-ġimgħa ta' qabel saret is-Sessjoni Parlamentari mtella' mill-Kunsill. L-attendenza tal-membri għal-laqgħat matul is-sena kienet tajba. (ara Appendiċi A).

Is-Sibt, 23 ta' Frar 2019, fl-Uffiċċju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, saret l-elezzjoni għal 4 membri, skont subartikolu 3.1.2 para. ċ. tal-Istatut. Kienet miftuħa għal 21 Għaqda/Assoċjazzjoni li huma affiljati mal-Kunsill, u minn dawn il-21 għaqda rċivejna 11- il formola mimlija biex jattendu għaliha. Kull għaqda kienet mitluba tibgħat 3 delegati biex jivvutaw. Attendew 24 delegat, u ġew nominati 5 kandidati u kisbu dan ir-riżultat:

| | |
|---|---|
| ATTARD SAVOIUR (Ass. Membri U3E) | 14-il Vot |
| BONNICI PETER PAUL (Għaqda tal-Pensjonanti – U.H.M.) | 15-il Voti |
| DEBONO LINO (Għaqda tal-Pensjonanti G.W.U,) | 10 Voti |
| MICALLEF GODWIN C. (Assoċjazzoni Nazzjonali tal-Pensjonanti – NAP) | 13-il Vot |
| MULÉ STAGNO ANTHONY (Għaqda Pensjonanti – Telemalta/Maltcom/GO) | 14-il Vot |

4 Kanditat li ġew eletti huma: Attard Saviour, Peter Paul Bonnici, Micallef Godwin C., u Mulè Stagno Anthony. Debono Lino ġie ddikjarat bħala r-*runner up*.

Fis-16 ta' Marzu 2019, waqt l-Assemblea Ġenerali Annwali, li saret fl-Istitut Kattoliku, Il-Furjana, saret elezzjoni oħra għal żewġ (2) Membri oħra minn dawk preżenti għal fuq il Kunsill skont subartikolu 3.1.3 tal-Istatut. Ġew nominati 3 persuni, Nazju Abela, Lino Debono u Mary Farrugia, ġie Elett Nazju Abela filwaqt li Lino Debono u Mary Farrugia ġabu voti indaqs. Għalhekk kella ssir it-tieni Elezzjoni biex jiġi elett wieħed minnhom. Ġiet eletta Mary Farrugia u Lino Debono bħala r-*runner up*.

It-Tnejn, 4 t'April 2019, saret l-ewwel Laqgħa tal-Kunsill bil-Membri l-ġodda, waqt il-Laqgħa saret il ħatra tal-Uffiċjali fuq il-Kunsill għall-2019-2021. B'voti unanimi l-Kunsill ġie ffurmat hekk:

| | |
|---|---|
| PRESIDENT | Anthony Mulé Stagno |
| VIĊI-PRESIDENT | Peter Paul Bonnici |
| SEGRETARJU | Anthony Deguara |
| ASST. SEGRETARJA | Doris Aquilina |
| TEŻORIER | Gowin C. Micallef |
| ASSITENT TEŻORIER | Saviour Attard |
| SEGRETARJU INTERNAZZJONALI | Anthony De Giovanni |
| UFFIĊJAL RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI | Nazju Abela |
| MEMBRI : | Mary Farrugia, Alfred Mallia, Mary Anne Mizzi, John Bonnici, u Carmelo Sammut |
| EDITUR "L-ANZJANI LLUM" | Vincent Piccinino, għalkemm mhux membru xorta aċċetta li jibqa bħala Editur |
| BORD EDITORJALI | Anthony Mulè Stagno, Nazju Abela, Mary Farrugia u Marica Attard Cassar |

Il-President bagħat ittra ta' ringrazzjament lil dawk il-membri li ma baqgħux fil-Kunsill u 'l dawk li m'għadhomx fil-kariga li kellhom. Ġie propost li nibagħtu ittra ta' stedina lil Lino Debono li ġie bħala *runner-up* fiż-żewġ elezzjonijiet biex jekk irridx jaċċetta li jissieħeb mal-Kunsill bħala membri *Co-Opted*, mingħajr id-dritt ta' vot fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill. Lino Debono, aċċetta l-proposta.

Din is-sena kellna diversi riżenji minn Membri tal-Kunsill. F'Mejju kellna r-riżenja tas-Sinjura Mary Anne Mizzi minħabba raġunijiet ta' saħħa, u li posta fuq il-Kunsill ħadu s-Sur Frank Mumford maħtur mill-istess Għaqda tal-Ħbieb tal-Morda u tal-Anzjani f'Għawdex skont l-Istatut. F'Mejju kellna wkoll ir-riżenja, tas-Sur John Bonnici, li ġie elett bħala Kunsillier fl-Elezzjoni li għaddiet, u li skont l-Istatut Par. 1.3 ma jistax ikompli bħala membru fil-Kunsill, u floku ġie s-Sur John Barbara, nomminat mill-Gvern.

Nixtieq minn hawn nizzi ħajr lil dawn il-persuni tas-sehem tagħhom fuq il-Kunsill.

Tul dan il-perijodu saru diversi ħidmiet, kuntatti u laqgħat ma' diversi entitajiet mill-Membri tal-Kunsill sabiex naraw kif dejjem intejbu il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-Anzjani Maltin u Għawdxin. Forsi ta' min ifakkar li x-xogħol tal-Kunsill isir b'sagrifiċċju u responsabbiltà kbira u fuq bażi volontarja.

Fost dawn il-ħidmiet kellna diversi kuntatti u laqgħat, mal-E.T. Dott. George Vella, President ta' Malta, mal-Onorevoli Joseph Muscat, Prim Ministru ta' Malta, mal-Onorevoli Dott Michael Falzon, Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali, mal-Onorevoli Anthony Agius Decelis, Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, ma' Dott. Maria Deguara Kelliema tal-Oppożizzjoni dwar Anzjanita' Attiva, Persuni b'Disabilitá u l-Ġlied kontra d-Dipendenzi u l-Vizzji, ma' Dott. Renzo De Gabriele, CEO ta' Dipartiment Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, mall-Kummissarju għall-Anzjani Dott. Mary Vella, fejn żewġ membri mill-Kunsill huma appuntati bħala membri fil-Kunsill tal-Kummissarju għall-Anżjani, u fejn minn żmien għal żmien isiru l-laqgħat, u mas-Sur Oliver Scicluna, Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, fejn żewġ membri mill-Kunsill ġew nominati, biex kull tliet xhur ikollom laqgħat mall-Kummissjoni. Minn din is-sena ġejna msejħa biex nibagħtu rappreżentant fil-Kunsill Diaspora fuq Emigranti Maltin.

Kellna diversi attivitajiet ukoll barra minn Malta, speċjalment fi Brussell, Saviour Attard attenda bosta laqgħat differenti u *Council Meetings* fejn ir-rapporti qedin fl-Uffiċċju. Il-Kunsill huwa affiljat mal-għaqda tal-*AGE Platform Europe*, din is-sena Saviour Attard temm il-ħatra tiegħu bħala Kunsilier fuq l-AGE wara tliet snin u aċċena li jċedi n-nomina tiegħu lil ħaddieħor. Il-Kunsill ħass li għandu jinnomina persuna oħra minnfloku. John P. Bonnici nnomina lil Dr. Anthony De Giovanni u l-membri aċċettaw unanimament, minħabba li huwa wkoll is-Segratarju Internazzjonali fuq il-KNA. Ġie deċis li nagħmlu laqgħa mall-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti, u l-Fondazzjoni Nanniet Malta, li huma wkoll membri tal-AGE biex jikonfermaw minn ser ikun Kunsillier u Sostitut. Bi ftehim qablu u aċċetaw li Dr. Anthony De Giovanni jkun il-Kunsilier fuq l-AGE għat-tliet snin li ġejjin, filwaqt li s-Sur Moses Azzopardi minn naħa tal-NAP, jkun is-Sostitut.

Fost laqgħat oħra li attendejna u ħidmiet li ħadna sehem attiv fihom huma:

Attivitajiet mill-Gvern, mill-Partit Laburista, u l-Partit Nazzjonalista. Attendejna ukoll laqgħat Ġenerali Annwali ta' Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, *NCPE's Annual Conference* 2019, kif ukoll l-Assemblea Ġenerali Annwali tal-*AGE Europe* fi Brussell. Fl-Assemblea Ġenerali Annwali tal-Kunsill tqassam l-Istatut li kien ġie Rivedut. Saru ħidmiet ma' *CEO of the new Road Agency*, fejn enfasizzajna li qegħdin niġu miċħuda mill-Liġi tal-Bankini, kif ukoll mas-Segreatrju Parlamentari l-Onor. Aguis Decelis, fejn tkellimna miegħu li l-Kunsill kien qiegħed jirċievi diversi lmenti fuq id-dislivell perikoluż tal-bankini. Attendejna għas-*Social Affairs Committee* – Preżentazzjoni ''Abbuż fuq l-Anzjani'' fil-binja tal-Parlament, laqgħa fuq id-Dimenzja fil-Parlament, għas-*Silver Economy Forum,* laqgħa tal-*Block Chain,* għat-tnedija Uffiċjali tal-iskema tal-Passaport tal-Kbar ta' Heritage Malta. Irrispondejna diversi *questionnaires* li jiġu mibgħuta minn studenti, il-President wera l-interess tiegħu li jassisti studenta li qegħda tagħmel *Research in Studies concerning the Elderly.* F'Mejju, ġew ippreżentati lill-Kunsill, tliet settijiet ta' Kotba mnedija mis-Segretarju Parlamentari għal-Persuni b'Disabilità u Anzjanità Attiva l-Onor. Anthony Agius Decelis – Edizzjoni Tipa Kbira għall-Anzjani li ma jkunux jistgħu jaqraw tipa żgħira, miktubin minn Frans Sammut. Attendejna għaċ-Ċerimonja ta' Tifkira – is-*Sette Giugno.* Il-President għamel diversi taħditit fuq Anzjanità Attiva. Membri mill-Kunsill attendew għal-Laqgħa - Id-Droga ... u s-Saħħa Mentali? Ir-Realtá, is-Saħħa u l-Prevenzjoni , imtellà mill-*OASI Foundation* u *Naxxar Local Council.* Għall-quddiesa li l-Caritas Malta torganizza ta' kull sena għall-Jum l-Anzjan. Rappreżentanza mill-membri tal-KNA attendew għaċ-ċerimonja tal-għoti ta' Premju Anzjanità Attiva, għall-Quddiesa Pontifikali ta' Jum l-Indipendenza. Ħidma ftit fit-tul minn fost uħud mill-membri tal-KNA, ġie konklud is-*Civil Code Regulations (Register of Beneficial Association)* mall-Identity Malta u ġejna ukoll aċċettati bħala s-*Second Registry of the Commissioner for Voluntry Organisation.* Anthony Mulè Stagno attenda għal *Natiflife Project - Info Day – Assistve Technology for the Independent Living,* fejn għamel preżentazzjoni fuq it-teknoloġija kif tolqot l-anzjani. Għal *consultation sessions* fuq *Church Safeguarding Policy and Procedures for children and vulnerable adults.* Għall-*Half Day Seminar on the gender pay gap, inactivity and the gender pension gap.* Għall-Konferenza 'Ħajja Attiva għall-Anzjani Tagħna'. Fil-Laqgħa ta' Diċembru tal-Kunsill ġie issuġġerietiet li fix-xahar t'April issir laqgħa tal-Kunsill f'Għawdex.

Fost ħafna ħidmiet oħra inħatru diversi sottokumitati biex jaħdmu fuq diversi ħidmiet u attivitajiet:

- Sottokumitat fuq Programm ta' Ħidma għas-Snin 2020/2021

Wara diversi laqgħat mis-sottokumitat, f'Ottubru saret Laqgħa mall-Għaqdiet Affiljati, ġewwa l-Uffiċċju tal-KNA fejn minn qabel ġew mistiedna biex jibgħatu proposti b'ideat ġodda kif ukoll suġġerimenti biex jiġu diskussi waqt il-laqgħa. Issa li ġie finalizzat, illum ser jitqassam wara li jiġi approvat.

- Sottokumitat - Parlament - Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet

Saru diversi laqgħat u ħidmiet biex din is-Sessjoni Parlamentari titella, laqgħat mal-Onor. Anthony Agius Decelis, Segretarju Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, mas-Sur Pierre Mallia, Direttur tal-Parlament Malti ġewwa il-Parlament ta' Malta, laqgħat bejn il-KNA u l-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, laqgħat mal-Professur Marvin Formosa, mal-Professur Andrew Azzopardi u mas-Sur Anthony Gatt – Caritas Malta, mal-Għaqdiet Affiljati fejn dawn kollha ġew mistiedna biex jattendu kif ukoll jitkellmu waqt din is-Sessjoni Parlamentari. Mistiedna biex jitkellmu kien hemm ukoll, l-Onor. Anthony Agius Decelis, Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Disabilitá u Anzjanitá Attiva, l-Onor. Dr. Maria Deguara, Kelliema tal-Oppożizzjoni dwar Anzjanità Attiva, il-Persuni b'Diżabilità u l-Ġlieda kontra d-Dipendenzi u l-Vizzji, l-Onor. Ryan Callus, Kelliem tal-Oppożizzjoni dwar iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Ġlieda kontra l-Obeżità, u L-Onor.i Dr. Clifton Grima, Segretarju Parlamenari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal- Volontarjat. Kellna wkoll intervisti fuq Radio Malta, Radju Net FM, fuq One TV, u fuq Television Malta. Kienet Sessjoni Parlamentari tajba ħafna fejn ittellat b'suċċess.

- Sottokumitat biex għas-sena dieħla jintbagħtu proposti u suġġerimenti lill-Gvern għall-Baġit 2021

Inħareġ il-punt li meta nibagħtu l-proposti tal-Baġit tajjeb li dawn jiġu diskussi mal-Għaqdiet Affiljati u biex wara jiġu mibgħuta mill-KNA f'isem kullħadd.

- Laqgħat tal-Bord Editorjali - 'L-Anzjani Llum'

Waqt il-laqgħat bejn il-Bord Editorjali ġew issuġeriti punti biex intejbu il-*Magazine* tagħna 'L-Anzjani Llum', biex ikun aktar attraenti billi tinbidel il-faċċata tiegħu u ssir kompetizzjoni għad-disinn tal-faċċata bejn il-membri u abbonati Anzjani. Dan il-*Magazine* li bqajna nippublikawh kull 3 xhur bil-ħidma fejjieda tal-Editur flimkien mal-Bord Editorjali u s-Segretarja Amministrattiva. Nixtieq ukoll nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lil dawk kollha li taw xi donazzjoni u lil kontributuri li jiktbu fuq il-*Magazine* fejn nirringrazzjahom ukoll tal-kontribut li jagħtu bil-kitbiet tagħhom. Tul din is-sena anki s-sit elettroniku baqa' jiġi aġġornat regolarment. Din is-sena kellna nsibu *Proof Reader,* u wara ħafna kuntatti sibna waħda fejn offriet li tagħmel il-*Proof Reading* għal-prezz ta' €50 kull ħarġa. Din ġiet aċċettata mill-Membri u għandna nibagħtula *email* biex navzawha li l-offerta li għamlitilna ġiet aċċettata.
Ma nistax nagħlaq mingħajr ma niżżi ħajr lill-membri kollha tal-Kunsill tax-xogħol siewi tagħhom u l-għajnuna li dejjem sibt minnhom fil-qadi ta' dmirijieti bħala Segretarju. U fl-aħħar, imma żgur mhux l-inqas, ħajr lis-Segretarja Amministrattiva, is-Sinjura Marica Attard Cassar, għax-xogħol u l-appoġġ li dejjem tagħti lill-Kunsill u l-għajnuna li jien personalment dejjem sibt minnha.

Grazzi

Anthony Deguara
Segretarju

# APPREZZAMENT
## Anton Cremona

B'dispjaċir smajna bit-telfa tal-ħabib tagħna, Anton Cremona, nhar l-Erbgħa, 29 ta' Jannar 2020. Anton sar membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani wara li, fl-Assemblea Ġenerali Annwali tal-Kunsill li saret f'Marzu tal-2009, huwa kien innominat mill-Għaqda Veterani Laburisti. Dam membru tal-Kunsill għal tmien snin u, sa Diċembru tal-2017, ħadem u ta kontribut siewi b'risq l-anzjani kollha Maltin u Għawdxin. Għal erba' snin sħaħ, bejn is-sena 2009 u s-sena 2013, Anton okkupa l-kariga ta' Editur ta' dan il-*Magazine*, L-Anzjani Llum, u, bejn l-2013 u l-2017, serva lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani fil-kariga ta' President. Anton kien ukoll nominat mill-Kunsill bħala espert tat-*Task Force* tal-*AGE Platform Europe* għal dak li hu *employment of older workers* u *active citizenship and participation* u ta sehemu kemm permezz ta' korrispondenza kif ukoll billi attenda għadd ta' laqgħat dwar dawn is-suġġetti fi Brussell.



Anton kien bniedem ħabrieki, bieżel, enerġetiku u dejjem lest biex jagħti l-għajnuna siewja tiegħu lil kull min kien jitlobhielu. Barra minn dan, huwa kien ukoll attiv mal-Veterani Laburisti fejn anki okkupa l-kariga ta' Viċi President għal għadd ta' snin.
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, filwaqt li jisgħobbih ħafna għal din it-telfa, fl-istess ħin iħossu ferm obbligat lejn Anton Cremona għas-snin twal ta' servizz li huwa ta lil dan il-Kunsill. F'isem il-President u l-Membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, nagħtu l-kondoljanzi tagħna lill-familjari tiegħu kollha, b'mod speċjali lil uliedu, u nwegħduhom li aħna nibqgħu niftakru f'ħabibna, Anton, fit-talb tagħna. Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.



# Siltiet mid-diskorsi li għamlu diversi kelliema tal-KNA waqt is-seduta parlamentari, Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet, li saret it-Tnejn, 7 t'Ottubru 2019

**Peter Paul Bonnici**, membru tal-UHM u Viċi President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, beda billi qal li l-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani (KNA) temmen li l-għażla jekk pensjonant għandux imur lura fid-dinja tax-xogħol għandha tkun l-għażla ħielsa tal-individju. Dan jista' jseħħ għax l-ekonomija qed tikber. Barra minn hekk, pensjonanti li jibqgħu fid-dinja tax-xogħol jikkontribwixxu għal ekonomija iżjed vibranti u b'saħħitha.

Naturalment, pensjonant li jagħmel din l-għażla għandu jkollu kundizzjonijiet ta' xogħol diċenti, fosthom ħlas xieraq għax-xogħol li jwettaq, biex jiġi evitat kull tip ta' prekarjat. Biex dan l-abbuż ikompli jitrażżan, il-KNA temmen li pensjonant li jibqa' jaħdem għandu jirreġistra ma' Jobsplus fuq parti tar-Reġistru tax-Xogħol dedikata għall-pensjonanti. B'hekk, l-awtoritajiet ikunu jistgħu jikkontrollaw aħjar biex jizguraw it-trażżin tal-prekarjat. Peter Paul Bonnici qal ukoll li t-taxxa fuq id-dħul għandha titħallas biss fuq dak li pensjonant jaqla' mill-attività tax-xogħol filwaqt li l-pensjoni għandha tkun eżentata mit-taxxa fuq id-dħul.

Bla dubju, ħajja attiva hija ta' ġid għall-anzjani tagħna għax tnaqqas l-inċidenza ta' kundizzjonijiet assoċjati mal-anzjanità bħas-solitudni u d-dimenzja. L-esperjenza tal-anzjani tgħin ukoll liż-żgħażagħ fil-kisba ta' ħiliet biex jagħmlu xogħolhom aħjar. F'dan il-kuntest, temm jgħid Peter Paul Bonnici, il-ġurnata tal-anzjani tkun aktar mimlija, ix-xogħol isir parti mill-attività soċjali ta' dak li jkun u dan jgħin biex tiġi stimolata s-saħħa mentali 'il bogħod minn mard assoċjat ma' ħajja sedentarja.

Tkellem warajh **Lino Bartolo**, is-Segretarju tal-Università tat-Tielet Età (U3E). Huwa semma t-trawma li jista' jgħaddi minnha pensjonant li, meta jirtira wara għadd ta' snin jaħdem, isib ruħu b'ħafna ħin li ma jafx x'ser jaqbad jagħmel bih. Dan jista' jwassal għal dipressjoni. Għaldaqstant, huwa tajjeb li dawk li jaslu biex jirtiraw isiru konxji tal-opportunitajiet li jeżistu biex persuna tista' tkompli tgħix ħajja attiva u produttiva.

Huwa rrimarka li, illum, donnu li l-anzjani qed jitwarrbu mill-ħajja politika u mill-ħidma parlamentari; qishom m'għandhomx iktar x'joffru. Huwa kompla jgħid li l-anzjani għandu jkollhom iktar opportunitajiet biex jipparteċipaw fil-ħajja soċjali għax huma minjiera ta' esperjenza li jkun dnub li tintilef.

Lino Bartolo faħħar id-Day-Care Centres tal-Kunsilli Lokali imma qal li hemm problema tat-trasport lejn xi wħud minnhom.

L-imħabba u l-apprezzament lejn l-anzjani għandha tibda miċ-ċokon u ssuġġerixxa li għandna nnisslu l-imħabba lejn l-anzjani tagħna sa mill-iskejjel stess. Semma wkoll is-solitudni u qal li l-aqwa rigal li nistgħu nagħtu lill-anzjani li jgħixu waħedhom huwa li nagħmlulhom kumpanija; imqar għal ftit tal-ħin.

Lino Bartolo spiċċa billi qal li ma rridux ninsew li l-aktar anzjani li għandhom bżonn l-għajnuna tagħna huma dawk l-iktar fraġili u vulnerabbli.

**Nazju Abela**, Viċi President tal-Assoċjazzjoni Pensjonanti Anzjani Nazzjonalisti (APAN) u Membru tal-KNA, ta l-fehma tiegħu dwar x'jikkostitwixxi għajxien xieraq. Is-Sur Abela tkellem ukoll dwar l-importanza ta' opportunitajiet ta' xogħol, volontarjat u anki tagħlim għal kull età flimkien ma' aktar inkoraġġiment biex tizdied il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ċiviċi, kulturali, soċjali u rikreattivi, inklużi eżerċizzji fiżiċi permezz ta' mixi u anki tar-rota. Huwa elenka wkoll xi wħud mill-affarijiet li, flimkien ma' pensjoni adegwata, huma importanti għal għajxien xieraq, bħalma huma dieta bilanċjata, prevenzjoni ta' korrimenti, attività fiżika u mentali u kuntatti soċjali. Nazju Abela fakkar li l-anzjani mhumiex grupp omoġenju imma grupp ta' individwi kollha bl-aspirazzjonijiet u l-ħtiġijiet tagħhom. Huwa temm id-diskors tiegħu billi qal li sar ħafna b'risq l-anzjani matul is-snin u

rringrazzja s-Segretarji Parlamentari responsabbli għall-anzjani li qatt kellna tax-xogħol kollu li dejjem għamlu biex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani. Fl-istess ħin, filwaqt li rrikonoxxa li ma jistax isir kollox f'salt, awgura li l-affarijiet ikomplu jitjiebu biex l-anzjani tagħna jkollhom għajxien tassew xieraq.

Fuq għajxien xieraq tkellem ukoll **Louis Cilia**, President tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti, li qal li, kemm f'Malta kif ukoll barra, il-persentaġġ tal-popolazzjoni li huma anzjani qegħda dejjem tiżdied u dan joħloq sfidi u problemi ġodda fosthom is-sostenibilità tal-pensjonijiet. Riċentament, f'Malta, din il-problema kienet mitigata bl-influss ta' ħaddiema barranin minħabba ekonomija li sejra tajjeb. Imma x'jiġri, staqsa l-kelliem, jekk is-sitwazzjoni tinbidel? Dħul xieraq huwa indispensabbli għax mingħajru wieħed ma jistax jgħix suret in-nies. L-anzjani, speċjalment in-nisa, (għax jgħixu iktar) huma fost l-aktar vulnerabbli. Mhux kollox ward u żgħar. Illum, barra li, ħafna drabi, qed jitgħabbew bit-trobbija tan-neputijiet, l-anzjani jħabbtu wiċċhom ukoll ma' problemi relatati ma' ħajja itwal, bħalma huma l-infermità, kemm fiżika kif ukoll mentali, id-dimenzja, l-iżolament u anki, f'xi każijiet, l-esklużjoni. Is-Sur Cilia temm id-diskors tiegħu billi enfasizza l-ħtieġa li d-diversi ġenerazzjonijiet jgħinu lil xulxin biex ħadd ma jħossu diskriminat jew mormi u qal li dan jista' jsir bil-ħolqien ta' għadd ta' pontijiet bejn il-ġenerazzjonijiet.

**Lino Debono**, President, General Workers Union (GWU) u membru tal-KNA, tkellem speċifikament dwar is-solitudni. Huwa qal li, għalkemm normalment nassoċjawha max-xjuħija, is-solitudni ma nsibuhiex biss f'din il-fażi tal-ħajja. Is-solitudni nsibuha fit-tfal iltiema li jħossu l-bżonn tal-ġenituri tagħhom; insibuha fit-tfal ta' familji mkissrin; fit-tfal abbużati li jibżgħu jitkellmu; fit-tfal li jkunu mhedda jew vittmi ta' bullying kif ukoll fi tfal bil-kundizzjoni tal-awtiżmu li jinqatgħu f'dinja għalihom waħedhom. Il-kelliem kompla jgħid li s-solitudni nsibuha wkoll fiż-żgħażagħ li ma jsibux min jifhimhom u f'dawk li jesperimentaw b'sustanzi perikolużi bl-illużjoni ta' ħajja aħjar. Dan kollu juri li s-solitudni ma nsibuhiex biss fost l-anzjani imma hija aktar mifruxa u, jekk ma naddottawx pożizzjoni aktar wiesgħa, nissugraw li s-solitudni tkompli tinġarr mit-tfulija għaż-żogħżija sal-aħħar fażi ta' ħajjitna. Għaldaqstant, temm jgħid is-Sur Debono, ikun tajjeb li nibdew nindirizzaw din il-problema aktar kmieni għax, jekk ma nagħmlux hekk, ma jirnexxilniex innaqqsu din il-pjaga soċjali.

**Raymond Zammit**, Segretarju, tal-**Malta Association of Retired Police Officers (MAROP)** ukoll tkellem dwar is-solitudni. Huwa qal li stħarriġ li sar mill-BBC Radio bis-sehem ta' universitajiet Ingliżi juri li, filwaqt li 20% ta' dawk bejn is-sittax u l-erbgħa u għoxrin sena qalu li jħossuhom waħedhom, din il-figura titla' għal 29% fost persuni ta' bejn-il ħamsa u sittin u erba' u sebgħin sena u tinżel ftit għal 27% fost dawk li huma 'l fuq minn ħamsa u sebgħin sena. Is-Sur Zammit, imbagħad, għadda biex elenka l-ħames karatteristiċi ewlenin li jikkostitwixxu s-solitudni li huma: dik li tħossok li ma titkellem ma' ħadd; il-fatt li tħossok maqtugħ mid-dinja tal-lum; l-esklużjoni soċjali; id-dwejjaq u, fl-aħħar nett, il-konfużjoni li taqbdek meta tirrealizza li m'intix tifhem dak li qed jiġri u jingħad madwarek.

Kien imiss, issa, li jagħmel l-intervent tiegħu il-kelliem ewlieni, **Anthony Mulè Stagno**, il-President attwali tal-KNA. Is-Sur Mulè Stagno tkellem dwar it-teknoloġija fil-ħajja tal-lum u ta' għada. Huwa beda billi aċċenna għall-pass imgħaġġel li biha qed tinbidel it-teknoloġija fid-dinja moderna u kkonkluda li dan ta' bilfors li jissarraf f'iżolament u emarġinazzjoni fost kulħadd imma, speċjalment, fost l-anzjani li jħossu li ma jistgħux ilaħħqu mal-pass imgħaġġel u jaġġornaw ruħhom ma' dan it-tibdil kollu li qed isir f'daqqa. Il-kelliem semma' l-Internet u l-Facebook u l-perikli assoċjati magħhom u anki aċċenna għall-invażjoni tal-privatezza tal-individwu li qed iġġib magħha l-era diġitali. Imma, fl-istess ħin, il-kelliem irrikonoxxa wkoll li t-teknoloġija moderna qiegħda tgħinna ngħixu ħajja aħjar, aktar komda u aktar fit-tul. Bizzejjed wieħed isemmi l-avvanzi enormi li saru fil-qasam tas-saħħa, qal is-Sur Mulè Stagno. Għaldaqstant, minn dan kollu, wieħed jista' jikkonkludi li, bħal kważi f'kull ħaġa oħra fil-ħajja, l-avvanz fit-teknoloġija iġib miegħu kemm vantaġġi kif ukoll żvantaġġi għax, fid-dinja, kollox għandu prezz. Imma, forsi, il-keffa tal-miżien iktar ixxaqleb lejn dak li hu sabiħ milli lejn dak li hu ikrah, temm jgħid is-Sur Anthony Mulè Stagno.

Dwar it-teknoloġija fil-ħajja tal-lum u ta' għada tkellem ukoll **Dr Anthony De Giovanni,** President tal-Veterani Laburisti u Segretarju Internazzjonali tal-KNA. Huwa qal li qed ngħixu fi żmien eċitanti li, min-naħa waħda, jwassal għal titjib fil-ħajja waqt li, min-naħa l-oħra, jaf iħalli l-midruba u l-feriti soċjali. Meta nitkellmu dwar it-teknologija, qal il-kelliem, l-aktar li tiġina f'moħħna hija dik diġitali u tal-informatika. Imma t-teknologija tmiss ma' kull aspett tal-ħajja tagħna. Semma' r-robotika u interventi mediċi inqas invażivi u aktar efficjenti li, flimkien ma' invenzjonijiet ta' mediċini u materjali ġodda jgħinu mhux ftit fit-titjib fis-servizzi u l-kura tas-saħħa u jagħmlu possibbli operazzjonijiet meraviljużi. Dwar it-teknoloġija diġitali, Dr De Giovanni semma l-ħtieġa ta' ppjanar serju kif ukoll ta' investiment u riċerka permezz ta' politika ċara li tħares 'il quddiem. Riċerka f'waqtha hija

meħtieġa biex it-teknoloġija ma tiqdiemx. Studju fil-pajjiżi tal-punent juri li persuni li huma 'l fuq minn ħamsa u sittin sena jużaw l-internet anqas minn persuni ta' etá iżgħar imma juri wkoll li, aktar ma' jgħaddi ż-żmien, aktar anzjani qed jużaw l-internet u li dawk l-anzjani li għandhom l-internet id-dar jużawh aktar minn persuni iżgħar. Imma l-istudju juri wkoll li l-biċċa l-kbira tal-websites mhumiex iddisinjati tajjeb biżżejjed biex jgħinu l-anzjani jużawhom. Fl-aħħar nett, il-kelliem semma' l-potenzjal ta' proġetti pilota u l-moniteraġġ tal-anzjani ħalli nibqgħu ippreparati biex nilqgħu għall-isfidi tal-ġejjieni.

Fuq l-istess suġġett, tkellem ukoll **Publius Agius**, President, tal-Floriana Senior Citizens (FSC) li osserva li qed ngħixu f'soċjetà dominata minn ambjenti teknoloġiċi u diġitali li jinfluwenzaw ħajjitna b'mod mgħaġġel u kontinwu. Is-Sur Agius sostna li hija l-biża' psikoloġika li xxekkel lill-anzjani milli jduqu l-benefiċċji li joffru l-faċilitajiet diġitali moderni; anki fejn jidħlu s-saħħa u l-komunikazzjoni. Il-kontribut tal-ġenerazzjoni żagħżugħa huwa indispensabbli għax iż-żgħażagħ jafu sew x'potenzjal toffri t-teknoloġija moderna u jkun nuqqas serju jekk, min għandu qraba li jinteressahom jissieħbu fl-ambjent diġitali, iżżommhom lura bl-iskuża li dawn ma jifhmux jew idumu biex jitgħallmu. L-involviment taż-żewġ ġenerazzjonijiet fid-dinja diġitali hija kumplimentari u sservi ta' benefiċċju għat-tnejn. Is-Sur Agius saħaq li anki l-istat għandu rwol x'jilgħab billi jagħmilha possibbli li l-anzjani jkollhom l-istess opportunitajiet ħalli ħadd ma jibqa' lura. Każijiet ta' anzjani li joħorġu mid-dar u jitilfu l-orjentament, iġegħeluna nirriflettu bis-serjetà f'soluzzjonijiet diġitali li jiffaċilitaw l-intraċċar tal-persuna. Ħtiġijiet oħrajn, indispensabbli f'każijiet ta' emerġenza, huma l-attrezzaturi li jinkludu aċċess sħiħ għall-istorja medika tal-individwu. Jekk tassew irridu li jkollna garanzija ta' ħajja attiva sal-aħħar, huwa d-dmir tagħna lkoll li noffru spalla ħalli l-ħajja tas-soċjetà ta' għada mhux biss tkun bl-anqas tbatija possibbli imma tibqa' interessanti u motivata sal-aħħar.

Fid-diskors tal-għeluq, reġa' tkellem **Anthony Mulè Stagno**, il-President tal-KNA. Huwa awgura minn qiegħ qalbu li s-setturi kollha tas-soċjetà jkunu magħqudin f'sens ta' solidarjetà u ta' kooperazzjoni għax is-suġġetti li tkellimna fuqhom jolqtu lil kull ġenerazzjoni. Tkellimna dwar l-importanza ta' ħajja attiva għax, jekk ma tkunx attiv sa minn meta tkun żgħir, l-anzjanità attiva tkun iktar diffiċli. Tkellimna dwar id-dritt ta' għajxien xieraq għal kulħadd. Tkellimna dwar is-solitudni u dwar il-fatt li anki din mhijiex xi monopolju ta' xi ġenerazzjoni partikolari. U tkellimna wkoll dwar l-avvanz mgħaġġel fit-teknoloġija, speċjalment, dik diġitali u kif dan qed jaffettwa lil kulħadd, mill-kbir saż-żgħir. Is-Sur Mulè Stagno għalaq id-diskors tiegħu billi wera t-tama li din kienet sessjoni interessanti, informattiva u ta' eżempju ta' kif għandhom ikunu s-solidarjetà u l-kollaborazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet. Fl-aħħar nett, is-Sur Mulè Stagno awgura li nibqgħu inżommu ħaj dan is-sens ta' kollaborazzjoni fil-ġejjieni, anzi, inkomplu nsaħħuh u rringrazzja lil kull min ta sehmu biex din l-attività tkun suċċess.

---

## Appell għal min għandu xi kitba tiegħu li tkun informattiva u/jew ta' interess ġenerali u jixtieqna nippubblikawhielu f'dan il-magazine.

Ix-xewqa tagħna hi li dan il-*magazine* jkun verament tagħkom u li jibqa' jkun ta' interess għalikom l-anzjani ħbieb tagħna lkoll. Għaldaqstant, dawk li jixtiequ jaqsmu l-kitba tagħhom ma' sħabna l-anzjani billi tkun ippubblikata f'dan il-*magazine*, nistednuhom jibagħtuhielna u aħna nwegħduhom li, jekk il-kitba tagħhom tkun waħda informattiva u/jew ta' interess ġenerali għall-qarrejja tagħna, aħna nippubblikawha. Jekk jogħġobkom ippruvaw żommu l-kitba qasira kemm jista' jkun.

Il-Bord Editorjali ta' dan il-*magazine* japprezza anki l-kummenti li intom il-qarrejja jogħġobkom tagħmlulna, sew fuq il-kontenut kif ukoll fuq dak li tixtiequ li taraw ġdid ġo fih.

Min jixtieq jibgħat xi ittra lill-Editur jew xi kitba tiegħu għall-pubblikazzjoni f'dan il-fuljett jista' jagħmel dan billi jiktbilna f'dan l-indirizz – **Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara, BKR 4811** jew billi jibgħatilna email fuq: **kna@onvol.net**

Il-Bord Editorjali jirriserva d-dritt li jiddeċiedi jekk għandux jeditja u jippubblika jew le kull kitba li tintbagħat.

# Nazju Abela f'intervista ma' Peter Paul Ciantar



**1. Għidilna xi ħaġa fil-qosor dwar it-tfulija tiegħek, fejn ħadt l-edukazzjoni, iż-żgħożija, il-familja eċċ, sakemm dħalt fid-dinja tax-xogħol.**

Il-karatteristiċi sbieħ ta' tfuliti u ta' żgħożiti f'raħal twelidi, Ħaż-Żebbuġ, qegħdin fija u ma jħassarhomli ħadd. Nixtieq ngħożżhom sal-aħħar nifs. Dawk kienu l-ewwel esperjenzi tiegħi u, magħhom, intgħaġnu wkoll l-esperjenzi ta' familja modesta b'sitt aħwa, b'missieri jaqla' l-għejxien tiegħu minn impjieg sempliċi mal-gvern u ommi ddur id-dar bina lkoll.

F'ħoġor il-familja kien hemm imħawla sewwa l-kultura mużikali. Missieri, missieru u anki missier missieru, kollha kienu fil-mużika. Kien missieri li bdieli l-ewwel tagħlim mużikali; wara komplejt għand surmastrijiet oħra u spiċċajt it-taħriġ tiegħi fl-armonija u fl-istorja tal-mużika mas-Surmast Carmelo Pace. Dan wassalni għal diploma fil-mużika. F'dawk iż-żminijiet, din kienet ta' għajnuna kbira fil-karriera tiegħi.

Bħala tagħlim fl-iskola, kienet in-normali f'dawk iż-żminijiet. L-ewwel għand is-sorijiet u l-iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ u, wara, is-Sekondarja. Wasalt għall-*O levels* u anki *Advanced level* u bdejt id-dinja tax-xogħol.

**2. X'kien l-impjieg tiegħek u x'esperjenzi kellek?**

L-ewwel impjieg tiegħi kien fl-editorjal mat-*Times of Malta* u, minn hemm, ħadt esperjenza kbira fil-kitba u anki ltqajt mal-mara tiegħi Pauline. Sadanittant, kont *part-time* mar-*Redifussion* u, wara, sirt *full time*. Minn hemm, ksibt esperjenza kbira fil-qasam tax-xandir u, minkejja l-età tiegħi, għadni nippreżenta programmi fuq Radju Malta Nazzjonali.

Ngħid ukoll li kont għalliem fl-Iskola tal-Mużika Johann Strauss. Din l-esperjenza ta' għalliem illum qed insarrafha f'*lectures* li, ta' kull sena, nagħti lill-membri tal-Università tat-Tielet Età; dejjem b'apprezzament tal-mużika serja u operistika.

Esperjenzi oħra fil-ħajja kienu d-diversi kumitati, l-aktar dawk kulturali. Dejjem nitkellem dwar it-tkabbir ta' aktar apprezzament mużikali f'pajjiżna. Hemm mumenti meta l-ħsieb tiegħi mexa 'l quddiem u mumenti oħra meta ħsibijieti ma ġew imwettqa qatt. Imma (u din importanti fil-bniedem) qatt ma naqta' qalbi.

**3. Inkun korrett meta ngħid li l-mużika u x-xandir huma l-isbaħ rikordji fil-ħajja mużikali tiegħek?**

Jiena, kulma nagħmel fil-ħajja, nagħmlu għax jogħġobni u jagħtini pjaċir. Dawn nagħġinhom tant miegħi li jsiru qishom il-passatemp tiegħi. Fil-fatt, jekk tistaqsini x'passatempi għandek, mingħajr tlaqliq ta' xejn, ngħidlek ix-xogħol li nagħmel.

Iva, ix-xandir inħobbu ħafna u ma nafx kif ngħaddi mingħajru. Dik li nwassal il-messaġġi tiegħi tagħtini sodisfazzjoni kbir. Bis-saħħa tax-xandir, iltqajt ma' ħafna nies ġodda u magħhom dejjem naqsam l-esperjenzi tiegħi. Tgħallimt ħafna wkoll mingħand kulħadd.

L-akbar sodisfazzjon tiegħi f'din il-ħidma, kemm bħala xandar u kemm bħala *lecturer*, huwa meta niltaqa' ma' nies li jwaqqfuni u jgħiduli: "Kemm sirt inħobb u napprezza l-mużika bis-saħħa tal-programmi (jew *lectures*) tiegħek." Emmnuni, intir bil-ferħ u ninsa li għandi sebgħin.

Nixtieq nibqa' nimbotta 'l quddiem l-imħabba lejn il-mużika serja u operistika u anki suġġetti oħra tal-arti li jiena ngħożż ukoll. Dejjem nistqarr li aktar ma aħna, bħala poplu, nikbru kulturalment, aktar pajjiżna jikber fl-iżvilupp tiegħu.

**4. Illum, li int anzjan, kulħadd jaf li għadek attiv ħafna: tikteb, ixxandar, tippreżenta programmi mużikali. X'iżjed? X'pariri tagħti lill-anzjani?**

X'iżjed? Ikkomponejt diversi xogħlijiet mużikali li, xi ftit minnhom, irbaħt kompetizzjonijiet mużikali bihom. Ktibt ukoll diversi marċi tradizzjonali Maltin għall-Banda King's Own tal-Belt u baned

oħra. Xi wħud mill-marċi tiegħi ġew irrekordjati fuq *Long Playing Album* u *CDs*. Domt nagħmel dan ħamsa u għoxrin sena. Waqaft għax ħassejtni li ma bqajtx aktar kreattiv f'dan il-qasam.

Kont indoqq ukoll xi strumenti mużikali fosthom xi strumenti tar-ram (*brass instruments*) u xi ftit il-pjanu u l-mandolina wkoll. Kultant indoqq xi ħaġa d-dar, imma nħoss li bqajt imkaħħal mal-bidu u ma mxejt xejn 'il quddiem għax qatt ma sibt ħin nagħmel sigħat kuljum nipprattika.

Kont ukoll inpinġi u niddisinja. Kollox għandi imma, anki hawn, waqaft għall-istess raġuni, il-ħin. Dan is-suġġett għadu jaffaxxinani sal-lum.

X'iżjed? Il-kitba. Din le, din ma tieqaf qatt. Twelidt fiha u nibqa' nikteb sakemm inkun għadni niflaħ. Kien nissel fija entużjażmu kbir għall-kitba l-ħabib kbir tiegħi, u xhud tiegħi tat-tieġ, l-għalliem Żebbuġi u ta' stoffa kbira, anki fil-kitba tal-Malti, is-Sur Emmanuel F. Attard (Alla jagħtih il-ġenna). Ma nixba' qatt nirringrazzjah. Kien it-tieni missier tiegħi. Nixtieq insemmi oħrajn imma nħallihom barra minħabba t-tul tal-kitba imma lis-Sur Attard insemmih għax kien ta' għajnuna kbira f'ħajti.

Bħala artikolista nikteb f'diversi perjodiċi, *magazines*, gazzetti, *leaflets,* f'kollox. Nikteb anki regolarment f'gazzetta tal-Maltin fl-Awstralja (gazzetta *on line*). L-aktar li nikteb b'suġġetti dwar il-mużika imma nħobb ħafna nikteb dwar il-ħajja Maltija tal-imgħoddi (il-Maltin tal-Awstralja jħobbuhom ħafna dawn is-suġġetti). Togħġobni wkoll kitba dwar id-diversi tifkiriet tiegħi ta' tfuliti u żgħożiti. Jien dejjem ngħid li l-kitba hija dokument (mhux bħax-xandir, il-kelma tgħidha u ttir fl-arja).

Nistqarr magħkom li jien dejjem inżomm f'moħħi li l-istil tal-kitba tiegħi għandu jkun għall-poplu. Nikteb eżatt kif nitkellem għax, wara kollox, il-kelma hija fija u ma jistax ikun li le, wara esperjenza ta' aktar minn ħamsin sena fix-xandir.

L-aħħar kelma tiegħi hija lil anzjani bħali. Jiena llum inħoss l-età tiegħi għax naqsitli l-enerġija imma mhux l-entużjażmu. Nixtieq li dan ikun il-ħsieb tagħna. Dment li m'aħniex f'sodda, (għal dan u aktar dejjem nirringrazzjaw lill-Mulej), għandna nużaw il-ħin taghna f'entużjażmu. Dan għandu jissawwar mal-esperjenzi tagħna. Nokkupaw irwieħna. Ix-xogħol fil-volontarjat (li jiena nsib ħin għalih ukoll) għandu jkun parti mill-ħidma tagħna l-anzjani. Inkunu dejjem pożittivi u nkunu ħbieb, l-aktar maż-żgħażagħ għax dawn jagħmluna żgħażagħ bħalhom.

# Ħsibijiet ta' Alfred Mallia

## Membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Darba waħda, ġewwa villaġġ, in-nies iddeċidew li jiltaqgħu biex jitolbu għax-xita Meta marru biex jitolbu, irriżulta li tifel wieħed biss mar bl-umbrella! Dik tissejjaħ **fidi**.

Meta xi ħadd jgħolli tarbija fl-arja, it-tarbija tidħak għax taf li ser jilqgħuha lura! Dik tissejjaħ **fiduċja**.

Meta, filgħaxija, nidħlu fis-sodda biex norqdu, ħadd m'għandu xi garanzija li ser isebbaħ l-għada filgħodu. Imma, sadattant, kollha nagħmlu l-iżveljarin biex iqajjimna! Dik tissejjaħ **tama**.

Il-bniedem jippjana ħafna affarijiet għall-ġejjien, minkejja li ħadd ma jaf x'ser jiġri għalli ġej! Dik tissejjaħ **kunfidenza**.

Għalkemm naraw madwarna dinja mimlija bis-sofferenzi, madankollu, xorta niżżewġu biex inġibu fid-dinja wlied ġodda! Dik tissejjaħ **imħabba**.

Fuq il-flokk, wieħed anzjan kellu miktub hekk: "Jien m'għandix tmenin sena, imma jiena ġuvni ta' sittax-il sena b' erba' u sittin sena esperjenza! Dik tissejjaħ **attitudni**.

Mela, ejja nagħmlu kull mezz li nistgħu biex ngħixu b'dawn il-valuri ħalli nagħmlu ħajjitna ferm aħjar. Meta tqum filgħodu, rodd is-salib, ħu belha kafè u lissen dawn il-kelmiet: "Illum, ser tkun ġurnata sabiħa!"

# Ġesù msallab mas-Salib

## kitba ta' Fr Charles Buttigieg



**Il-kundanna tat-tislib**
It-tislib kienet il-kundanna tal-mewt skont il-liġi *Lex Julia Majestratis* tar-Rumani li kienu jaħkmu l-Palestina fi żmien Kristu. Imma ċ-ċittadini Rumani ma kienux jieħdu din il-piena kapitali. Ir-Rumani kellhom prattika oħra ftit differenti mit-tislib billi jorbtu l-ikkundannat ma' siġra, imbagħad ibiċċruh għall-mewt. Kien l-Imperatur Kostantinu li neħħa din il-prattika krudila fis-sena 337 W.K. It-tislib imur lura ħafna snin. Ir-Re Salmanesser fid-disa' seklu Q.K., kien sallab diversi persuni. Ir-Re Darju kien sallab 3000 Babiloniż. Il-kruċifissjoni kienet ipprattikata fil-gwerer puniċi wkoll. Fir-raba' sena qabel Kristu, Quinctilius Varus kien sallab 2000 Lhudi. Iktar tagħrif fuq il-kruċifissjoni Rumana nkixef wara l-iskavi li saru minn Vassilios Tzaferis tal-Università **Ebrajka ta' Ġerusalemm fl-1980.** L-arkeoloġisti identifikaw tipi oħra ta' slaleb: dak ta' San Pietru, salib Latin rasu 'l isfel, is-salib Grieg, li hu ugwali fit-tul kull naħa, is-salib doppju u dak tripplu.

Is-salib kollu kemm hu magħmul mill-injam, aktarx taż-żebbuġ, kien jiżen madwar 135 kilogramm u l-imsiemer kienu twal seba' pulzieri. Relikwa tal-musmar qaddis *il Santo Chiodo*, jinsab fid-Duomo ta' Milan fejn issir festa speċjali fl-14 ta' Settembru. Ġesù tant kien batut fil-passjoni li, waqt il-vjaġġ lejn il-Kalvarju, kellu jiġi mgħejjun minn Xmun iċ-Ċirinew. Aktarx li t-triq għall-Kalvarju kienet twila madwar kilometru. Minbarra li kien jiġi msallab bl-imsiemer, l-ikkundannat x'aktarx li kienu jorbtuh ukoll bil-ħbula ħalli l-ġisem ma jiddendilx.

Ovvjament, Ġesù kien każ partikolari fejn ġie soġġett għall-esaġerazzjonijiet kollha tat-tortura li setgħu isiru fuqu. Dawn kienu jinkludu l-flaġellazzjoni, feriti kbar, tixrid ta' demm, ksur ta' għadam, il-kuruna tax-xewk, it-toqol tas-salib u l-fatt li demmu tilfu kollu kif tixhed l-aħħar daqqa ta' lanza meta, minnufih, ħareġ demm u ilma, liema fenomenu jindika wkoll li l-qalb ta' Ġesù ċediet u nqasmet. Il-qalb minfuda bil-lanza ispirat fil-Knisja d-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù kif insibu fit-tagħlim ta' San Bernard, ta' San Bonaventura, ta' Santa Ludgarda, ta' Santa Mathilda, ta' Santa Gertrude, ta' Rudolfu tas-Sassonja, ta' San Franġisk de Sales, ta' Santa Margerita Marija Alacoque, ta' San Ġwann Eudes, ta' San Claude de la Colombiere u ta' San Ġwann Bosco.

**L-aħħar kelmiet ta' Ġesù**
Dawn huma seba' frażijiet miġburin mill-erba' Vanġeli li juruna l-aħħar kelmiet li lissen Ġesù fuq l-għuda tas-salib; seba' kelmiet li Ġesù bata biex qalhom minħabba l-kundizzjoni li kien jinsab fiha, bin-nifs ikun qawwi ħafna u bil-pulmun mgħaffeġ bil-piż tal-ġisem fuqu. Imma, minkejja dan kollu, Ġesù baqa' konxju sal-aħħar għajta kbira tiegħu. Dawn huma seba' kelmiet li ta' min jimmedita ftit fuqhom għax għandna nistħajluhom li huma verament l-aħħar testment li ħallielna Ġesù minn fuq is-salib u li huma dawn:
"Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu!"
"Tassew ngħidlek li llum stess tkun il-Ġenna miegħi".
"Mara, hawn hu ibnek; hawn hi ommok."
"Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?"
"Għandi l-għatx."
"Kollox mitmum!"
"Missier, f'idejk jien nerħi ruħi."

**Il-Glorja tas-Salib**
Il-messaġġ tar-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt jinsab b'mod qawwi fl-ewwel ittra ta' San Pawl lill-Korintin meta qal: "Fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja Mewt in-niggieża tiegħek?" Dan il-kapitlu huwa l-eqdem tagħlim dwar l-ikbar verità tal-Kristjaneżmu u hu, saħansitra, miktub qabel l-erba' Vangeli. Hekk jgħidilna Missierna San Pawl: "L-ewwel nett, għallimtkom dak li tgħallimt; li Kristu miet għal dnubietna, skont il-kitba, u kien midfun u qam fit-tielet jum skont il-kitba, u deher lil Kefa, imbagħad lit-tnax." Għalhekk, il-mewt ta' Kristu fuq is-salib ġabet il-mewt tal-Mewt darba għal dejjem għax il-Glorja tas-Salib fdiet tassew il-ħajja. Is-Salib ġab ir-rebħa tal-ħajja u t-telfien tal-mewt.

**Konklużjoni**
Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jurina li, fis-salib, hemm il-mewt ta' Kristu bħala sagrifiċċju waħdieni u definittiv; is-sagrifiċċju tal-Patt il-Ġdid li jerġa' jdaħħal il-bniedem f'xirka ma' Alla huwa u jħabbu miegħu bid-demm li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet. San Ġorġ Preca, fil-ktieb il-kbir tiegħu li s-soċji tal-Mużew jaqraw minnu kull nhar ta' Ħadd, jimmedita fit-tul dwar dan il-misteru tat-tbatija li għadda minnha Ġesù. Dan huwa dak li jfisser is-Salib ta' Kristu li huwa s-Salib tal-Imħabba t'Alla u tal-fidwa tagħna. Huwa meta aħna ningħaqdu mas-Salib ta' Kristu li nagħtu sens lit-tbatijiet tagħna. "Min irid isalva, irid jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu u jimxi warajja!

# Kliem tad-deheb mill-anzjani għall-anzjani

**Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap**

Dan l-aħħar, waslitli *email* mimlija għerf kbir fuq ix-xjuħija. Fil-fatt, din l-*email* kienet tikkonsisti fi kwotazzjonijiet mill-isbaħ ġejjin minn anzjani li għamlu isem minħabba dak li għamlu. Jien u naqra wħud minn dawn il-kwotazzjonijiet mill-isbaħ, fija nnifsi, bdejt ngħid għaliex ma naqsamx magħkom dan l-għerf li l-Mulej tana? Wara kollox, kliemhom mhux ġej minn fomm il-għerf u lest jidħol dritt dritt f'qalb li lesta tilqa' dan l-għerf biex, b'ħajjitha, tgħarrfu lil dawk ta' madwarha?



Mela, ċertu **James Henry Arruda**, ta' 92 sena, għallem lilu nnifsu jaqra u jikteb. Tant hu hekk li, fl-età ta' 96 sena, seħħlu jippubblika ktieb ukoll! Il-ktieb kien il-kapolavur tal-impenn kollu tiegħu biex tgħallem jaqra! Wara din il-bravura tassew kbira, mingħajr ħafna tidwir, qal: Jekk ħaddieħor jista' jagħmilha, jien se nipprova! Kos hux, x'qawwa fiha meta wieħed jipprova! U jipprova bis-serjetà, mhux jintelaq għal kull ċaqliqa jew diffikultà li jsib ma' wiċċu!

Ta' 78 sena, niltaqgħu ma' **Rochelle Ford**. Ta' min jgħid li Ford hija skultriċi fil-metall. Din il-mara ta' talent kbir tgħidilna hekk: Kull filgħodu, meta nqum, ngħid qatt mhu ħa nkun żgħażugħa daqskemm jien illum! Illum huwa l-jum l-aktar żgħażugħ tal-bqija ta' ħajti. Qum minn hemm u għamel xi ħaġa li ġġiblek il-ferħ! Kemm huma sbieħ dawk il-kliem Qum minn hemm, hux? Humiex l-istess kliem li lissen Ġesù lill-mifluġ inkullat ma' mitraħ? Lil min kien imbeżża'! Lil min kien rieqed! Lil min kellu idu niexfa! Lil min kien mejjet! Lill-imġiddem li ġie mfejjaq! U, saħansitra, lid-dixxipli li kienu miegħU fl-Ort taż-Żebbuġ! L-effetti sbieħ li wieħed iġarrab meta jwieġeb bil-qalb għal din il-kelma qum, li Ġesù jgħidilna b'tant imħabba u mogħdrija, hija riflessa fl-istorja tal-Iben il-Ħali. Wara ħafna tbatija, dan iddeċieda li jmur lura għand missieru meta huwa stess qal: Ħa nqum u mmur għand missieri!

Anzjana oħra li tispirana ħafna bl-eżempju ta' ħajjitha hija **Yvonne Dowlen**. Ta' 88 sena, din il-mara għadha tiskija fuq is-silġ! Yvonne tgħid hekk: Meta tikber, jekk ma tiċċaqlax aktar, ma tiċċaqlax aktar! Il-messaġġ tagħha huwa tassew sempliċi, ċar u jipperswadik. Tiċċaqlaqx u tirmazza! Tiċċaqlaqx u tiġġammja! Mela, x'inhu għaqli li niċċaqalqu jew li ma niċċaqalqux? Li nimxu jew li nibqgħu imkaħħlin bilqiegħda fuq dik il-pultruna?

**Margaret Hagerty** li, tard f'ħajjitha, niżżlet isimha fil-*Guiness Book of World Records* minħabba li kienet l-aktar persuna anzjana li rnexxielha ttemm il-maratona f'kull kontinent, qalet hekk: Neħħi d-dubbji fik innifsek! Azzarda kun int! U għemilha jissostanzja dak li qalet għax, fl-1987, meta kellha 64 sena u waqfet tpejjep, Hagerty tagħtha għall-ġiri fil-maratoni.

Jagħmlulna ħafna kuraġġ ukoll il-kliem li kien qal **Riley B. King** jew, kif inhu iktar magħruf, B.B. King. Bit-talent tiegħu, dan il-kitarrist kbir tal-mużika *blues*, seħħlu jikseb il-fama ma' udjenzi fl-erbat irjieħ tad-dinja. Huwa qal hekk: Jien qatt ma ngħid il-kelma nirtira! Ngħid għalija, għalkemm għadni ma ngħoddx ruħi mal-anzjani imma ma' dawk ta' nofs triq u, għalhekk, mhux daqstant 'il bogħod mix-xjuħija, din il-kelma ġibditli xi naqra widnejja wkoll għax fakkritni fi kliem li qal lilna s-saċerdoti il-Papa Franġisku fis-sens li s-saċerdot ma jirtirax!

Mela, jekk ħaddieħor jista' jagħmilha, jiena se nipprova! Kull filgħodu, malli nqum, ngħid, qatt mhu ħa nkun żgħażugħ daqskemm jien illum! Illum huwa l-jum l-aktar żgħażugħ tal-bqija ta' ħajti! Qum minn hemm u għamel xi ħaġa li ġġiblek il-ferħ! Meta tikber, jekk ma tiċċaqlaqx aktar, ma tiċċaqlaqx aktar! Neħħi d-dubbji fik innifsek, azzarda kun int u qatt ma nlissen il-kelma nirtira!

Hekk qtajtha, li nibda ngħid lili nnifsi kull filgħodu, sewwasew wara li ngħid it-talb tiegħi ta' dan is-sehem tal-jum. Għax x'hemm isbaħ milli ngħix ħajti jum b'jum, siegħa b'siegħa, minuta b'minuta u sekonda b'sekonda? Għalija, kliem Ġesù meta qal: jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja u ħajja bil-kotra, ifisser dan kollu. U, ladarba għalija dan kollu jagħmel sens, hekk ser nitlob għalikom ukoll, għeżież ħuti anzjani, ħalli tgawdu, fil-milja tagħhom, il-waqtiet kollha ta' ħajjitkom!

# Karattri u tifkiriet ta' Victor Rizzo minn Raħal Ġdid li joqgħod in-Naxxar

### Daħla

Dawn il-ftit tifkiriet u ħsibijiet joħduni lura lejn tfuliti u kkommettejthom fuq il-karta biex nerġa' nagħti l-ħajja lil karattri li għexu tassew u li, ħafna minnhom, kont spiss narahom fi tfuliti. Ħafna minn dawn in-nies kienu jgħixu fis-snin sittin fi Triq Santa Monika, u fl-inħawi tagħha, ir-Raħal Ġdid. B'li qed nikteb ma rrid inweġġa' lil ħadd. Irrid biss inbattal il-garigor ta' tifkiriet u ħsibijiet minn moħħi. Lil dawn in-nies nixtieq nerġa' nagħtihom il-ħajja. Irrid inwassalhom lilkom kif kont narahom, kif kont nosservahom, kif kont inħosshom jien meta kont żgħir. Irrid niftaħ tieqa żgħira u nistieden lill-qarrej biex, flimkien miegħi, jagħti titwila lejn il-mod kif kienet il-ħajja fis-sittinijiet; għall-inqas, kif kont naraha jien minn nuċċali ta' tifel ta' ftit snin.

Il-karattri msemmijin f'dawn ir-rakkonti m'għandhom l-ebda preferenza. Qegħdin jidhru biss hekk, kif qed ingibhom quddiem għajnejja, iterrqu fi Triq Santa Monika u fl-inħawi tal-madwar. Kull rakkont huwa minnu.

### Tal-Mużew

Fit-tarf ta' Triq Santa Monika, kien hemm il-Mużew tal-bniet. Tista' tgħid li, kuljum, f'xi ħin jew ieħor, kienu jgħaddu minn quddiem id-dar tagħna xi żewġ soċi tal-Mużew sejrin għall-post tad-dutrina jew għall-kappella, li kienet bieb ma' bieb mal-post tad-dutrina. Kienu għadhom jilbsu l-għonnella. Kif konna narawhom, aħna t-tfal konna mmorru b'ġirja waħda lejhom u ngħidulhom: "Viva Ġesù" u huma kienu jitbissmu u jwieġbu: "Viva Marija" u jkomplu sejrin fi triqthom.

Imma l-isbaħ privileġġ li kellna kien dak li, nhar ta' Sibt, għall-ħabta tal-ħamsa ta' waranofsinhar, konna nistgħu nixtru l-ostji mingħand tal-Mużew. Waħda min-nisa tal-Mużew kienet toħroġ bi xkora u aħna t-tfal konna noqogħdu fil-kju biex nixtru sold ostji. Dawn kienu l-fdalijiet tal-forom tal-ostji li kienu jagħmlu għall-quddies. Konna nieħdu basket żgħir li kienu jimlewulna bil-frak tal-ostji. Jekk jirnexxilek issib waħda tonda sħiħa, li rari ħafna kienet taqbżilhom, konna nibżgħu għaliha tgħidx kemm għax konna nużawha meta konna nilagħbu bl-artal u taparsi nagħmlu l-quddies.




Meta nsemmi l-Mużew, ma nistax ma niftakarx meta jien ukoll kont immur il-Mużew bi tħejjija għall-Preċett. Dak iż-żmien, il-Mużew tas-subien kien in-naħa t'isfel ta' Triq Sammat. Dan kien ifisser li ridt naqsam it-triq li jgħaddu minnha ħafna karozzi, eżattament ħdejn l-ispiżerija tas-Sur Agius. Kont għadni żgħir wisq biex immur waħdi u ommi kienet tibgħat lil ħija Ronald biex iwassalni u anki jerġa' jiġi għalija. Però niftakar xi żmien meta bdejt immur waħdi.

Il-lezzjoni tal-Mużew kienet tikkonsisti billi s-superjur jistaqsi domanda u aħna t-tfal konna nweġbuh għalenija, qisna bl-imħatra bejnietna min jgħajjat l-iżjed. Il-lezzjoni kienet tkun xi ħaġa hekk:

Is-superjur:" Min ħalqek?"

It-tfal, b'għajta waħda: "Ħalaqni Alla."

Is-superjur: "Għalfejn ħalqek Alla?"

It-tfal, b'għajta iktar qawwija minn ta' qabel:" Alla ħalaqni biex nagħrfu, inħobbu u naqdih u biex, wara din il-ħajja, immur nithenna bih fil-ġenna għal dejjem."

U l-mistoqsijiet kienu jkomplu f'din l-istess vena u t-tweġibiet kienu jinstemgħu minn kantuniera bogħod.

Waqt il-lezzjoni, ħdejja kien ipoġġi sieħbi Edward. Niftakar li, darba minnhom, qalli li, meta jikber, huwa ma jridx isir qassis għax hu ried jiżżewweġ. Niftakar ukoll li jiena kont skantajt dakinhar għax għidt dan kif diġà jaf xi jrid jagħmel meta jikber?

Il-Preċett għamiltu f'Lulju tal-1964. Wara l-quddies, għamilna purċissjoni mill-knisja sal-Mużew fejn hemmhekk kellna party. Kemm kilt biskuttini tajbin dakinhar! Stħajjilthom l-istess bħal dawk li jkun hemm fil-ġenna!

## Malta tagħna

***Anthony Borg***

Kemm int kbira Malta tagħna.
Ħadd ma għamel li ried bik.

Kienu ħafna l-ħakkiema,
Iżda kollha refgħu għonqhom
U tawk dak li kien jistħoqqlok,
Sa b'*George Cross* l-Ingliżi stmawk,
Għax b'qalb kbira lilek rawk.



# Titwiliet Għawdxin

## Kitba ta' Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex



**San Lawrenz**

Ir-raħal (bil-motto *Dominus protectio Mea*, jiġifieri, Il-Mulej it-tarka tiegħi) huwa mdawwar minn tliet għoljiet: Ta' Gelmus, Ta' Għammar u Ta' Dbieġi. L-ewwel isem jista' jirreferi għal turban mar-ras jew ġabra ilma. It-tielet jirreferi għad-dahar bejn l-ispalel u, allura, xi ħaġa ġeneralment fil-għoli. Infatti, din il-parti hija l-ogħla ponta f'Għawdex; xi mitejn metru 'l fuq mill-livell tal-baħar.

Skont dokumenti li jmorru lura sal-bidu tas-seklu sittax, fl-imgħoddi, dan il-post kien magħruf bħala Ta' Cangura li jagħtik l-impressjoni li hu xi laqam. L-isem il-ġdid ta' parroċċa (is-separazzjoni mill-Għarb seħħet fl-1893) kien konsegwenza ovvja tad-devozzjoni soda lejn l-Arċidjaknu Lorenzo. Infatti, kellna iktar minn kappella waħda dedikati lilu. Pereżempju, de Soldanis fil-*Gozo* jirreferi għal waħda antikissima fil-Gran Kastell u għadna nsibu artali u xbihat oħrajn imxerrdin mal-gżira. Anki l-emblema ta' San Lawrenz tirreferi għall-patrun: fiha gradilja (li kienet il-mezz tal-martirju li sofra) bejn żewġ palmiet, is-simboli tradizzjonali tal-martri.

Din il-parroċċa, b'popolazzjoni żgħira, hija l-unika waħda f'Għawdex imsemmija għall-patrun stess. Kummunità żgħira iżda attiva ferm, kemm bħala parroċċa kif ukoll bħala kunsill. Proġett interessanti kien perjodiku kollu bil-kulur (li, wara, inġabar fi ktieb) mimli tagħrif dwar il-kult maħruġ għall-okkażjoni tal-elf, seba mija u ħamsin anniversarju tal-martirju tad-Djaknu Lorenzo.

L-idea ta' parroċċa probabbli ssemmiet l-ewwel darba waqt żjara pastorali ta' Mons Mattei fl-1809 imma kellu jgħaddi kważi seklu qabel ma Ljun XIII wettaq din ix-xewqa. L-ewwel ġebla ta' dik li saret il-knisja parrokkjali tpoġġiet mill-Isqof Pietru Pace fl-1886. Il-parruċċani kollha, li qatt ma kienu ħafna, urew ħeġġa kbira u jingħad li ebda persuna ma qagħdet lura! Minn viżta pastorali qabel il-ġrajja tal-1551 (l-Assedju t'Għawdex) nafu b'kappella Lawrenzjana f'dawn l-inħawi. Teżisti leġġenda li, waqt li kien qed isir xi restawr meħtieġ, għenithom nixxiegħa tal-ilma li tfaċċatilhom. Jingħad ukoll li kienet titlaq purċissjoni mill-parroċċa tal-Għarb, tieqaf hawn għal quddiesa u tkompli sa Tal-Virtut b'ringrazzjament tal-ħelsien mill-qerda tal-insetti u animali żgħar oħra li invadew il-kampanja.

Dil-knisja barokka fiha diversi opri tal-arti, fosthom xogħlijiet ta' pitturi prominenti bħal Gianni Vella (Santa Margerita u Piju X) u Giuseppe Calì. L-istatwa titulari nġiebet minn Franza. Barra l-purċissjoni ta' San Lawrenz, fl-ewwel nofs t'Awwissu (qrib il-jum liturġiku) it-triqat jospitaw lid-Duluri, lil San Ġużepp, lil Sant Antnin u lill-Madonna tar-Rużarju.

Imma naħseb li, għal ħafna, anki Maltin, ir-raħal jibqa' magħruf għall-*pagaent* tal-Milied madwar it-triqat, kif ukoll f'xi djar, bil-parteċipazzjoni entużjasta tal-maġġoranza l-kbira tal-poplu! L-għeruq, inklużi l-kostumi, huma ta' żmien ftit wara tmiem il-gwerra imma l-format preżenti faqqas fl-1969.

Iktar reċenti hija l-innovazzjoni ta' għoti ta' premju annwali lil persuna żgħażugħa jew lil xi organizzazzjoni li jkun jixirqilhom tifħir.

Inkomplu madwar il-knisja u ninnotaw li, fil-pjazza, hemm ċentru parrokkjali ħabrieki li dam żmien iservi għal-laqgħat tal-Azzjoni Kattolika sa minn meta tbierek mill-Isqof Pace fl-1945. It-tfal u ż-żgħażagħ użawh sew, anki għall-palk (saħansitra meta lanqas biss kellu saqaf!) u għall-isport. La semmejna l-isport, ta' min iżid li r-raħal għandu tim tal-futbol li jikkompeti fl-Assoċjazzjoni Għawdxija ma' rħula oħra tlieta jew erba' darbiet ikbar minnu.

Sfortunatament, dan iċ-ċentru għandu traġedja marbuta miegħu li setgħet anki kienet agħar. Tliet żgħażagħ li kienu qed jaħdmu n-nar għall-festa ħasdithom splużjoni li bagħtithom l-isptar. Sebgħin sena ilu, ir-regolamenti kienu għadhom laxki ġmielhom tant li bosta parroċċi Għawdxin għaddew minn esperjenzi simili! Jirrakkuntaw li l-bieb ta' barra ntrema' n-naħa l-oħra tal-misraħ imma n-nar ma tantx dam ma ntefa. Għalkemm ħsara strutturali sostanzjali ma kienx hemm, id-diżgrazzja intemmet ftit jiem wara meta l-ikbar fost il-midrubin tilef il-ġlieda tiegħu mal-mewt.

Iktar tard, il-binja kompliet tkabbret biex anki ssir ċentru għat-tagħlim, reliġjuż u mhuwiex, b'librerija b'kollox. Bl-isforzi tal-kappillan Mikiel Borg, dan ir-raħal minuskolu bena dar għall-anzjani li llum qed titmexxa fuq bażi kummerċjali u bl-ebda mod ma hi limitata għar-residenti tar-raħal. Jekk m'jiniex sejjer żball, b'ippjanar għaqli, il-ġebel meħtieġ inġieb mit-tħaffir għal ċimiterju parrokkjali li kien qed isir fl-istess żmien.

Fost il-fdalijiet ta' parruċċani li ġew trasportati għal dawn l-oqbra ġodda kien hemm anki dawk ta' Dun Ġużepp Cauchi. Dan kien miet fl-1955 u ndifen f'Taż-Żejt, l-Għarb. Minħabba d-devozzjoni li baqgħet soda u żdiedet, fl-1985, id-dar tiegħu inbidlet f'mużew li jfakkar ħajtu u juri bosta oġġetti li kien juża flimkien ma' *ex voto*. F'Lulju 2001, saret l-eżumazzjoni u, ħamest ijiem wara, il-korteo ntemm b'quddiesa mill-Isqof Nikol Cauchi.

Għaliex seħħ dan? Ikolli ngħid li, prinċipalment, kien minħabba l-ħeġġa ta' kumitat żgħir li ried isaħħaħ tifkirietu. Imma l-interess f'dal-qassis sempliċi nħoloq bil-fama ta' qdusija li, probabbli, oriġinat mill-mod kif ġab ruħu waqt iż-żmien li kellu l-fakultajiet saċerdotali tiegħu sospiżi fuq deċiżjoni tal-isqof li rċieva xi rapport kontrih. Id-dettalji baqgħu sigrieti u, saħansitra, intqal li l-Kurja m'għadx fadal tagħrif dwar dan.

Dan il-kumitat, jew aħjar kummissjoni, ħareġ bosta pubblikazzjonijiet dwar Dun Ġużepp, inkluż ktejjeb annwali b'siltiet mill-iskritti li fihom kien jipprepara l-lezzjonijiet għal-laqgħat tal-Azzjoni Kattolika, kif ukoll noti għal omeliji u konferenzi. Fihom, sintendi, fi stil qadim ta' qabel il-Konċilju, insibu minjiera ta' tagħlim, kemm dwar il-fidi kif ukoll dwar il-morali.

Darb' oħra, jekk Alla jrid, inkompli nagħti iktar tagħrif dwar il-madwar ta' dan ir-raħal sabiħ ta' San Lawrenz.

# L-istorja tal-Mediċina

## Kitba riċerkata ta' Vincent Piccinino

Fil-ħarġa ta' qabel din, introduċejt din is-sensiela u tajtkom togħma ċkejkna ta' x'tistgħu tistennew minnha. Kif wegħedtkom l-aħħar darba, issa ser nissokta billi nibda ngħidilkom xi ħaġa żgħira fuq il-ħajja ta' nies li, bl-istudji, bl-iskoperti u bl-invenzjonijiet kbar li għamlu tul is-snin għenu mhux ftit biex itawlu l-ħajja, u jagħmluha iktar komda, iktar trankwilla, iktar sapportabbli u inqas ta' tbatija għalina lkoll. Huwa veru każ li, bħalma kien qal Sir Winston Churchill f'kuntest ieħor, hawnhekk ukoll nistgħu ngħidu: *Never was so much owed by so many to so few!*

### Hippocrates



Skont l-istoriku Soranus, Hippocrates, li huwa meqjus bħala Missier il-Mediċina, twieled fil-gżira Griega ta' Cos, lil hemm mill-kosta tal-Asja Minuri, fis-sena 460 qabel Kristu. Ftit li xejn nafu dwaru. Forsi l-aktar ħaġa li għaliha baqa' magħruf hija l-kollezzjoni Hippokratika li fiha l-aqwa u l-eqdem kitbiet mediċi li nġabru fir-raba seklu qabel Kristu. F'dawn il-kitbiet, Hippocrates analizza madwar erbgħin marda u tkellem dwar il-prattiċi kliniċi u l-istrumenti wżati dak iż-żmien u anki dwar għadd ta' operazzjonijiet.

Kif rajna fl-introduzzjoni għal din is-sensiela li dehret fil-ħarġa ta' dan il-magazine numru 97, Hippocrates wasal biex innota li l-ġisem għandu tendenza li jfejjaq lilu nnifsu u, għaldaqstant, issuġġerixxa li wieħed għandu jistenna u jħalli n-Natura tieħu l-kors tagħha. Hippocrates kien ukoll dak li, minkejja ż-żmien bikri li għex fih, wasal għall-idea li ċerti staġuni u snin huma, minn natura tagħhom stess, suġġetti għal ċertu mard partikolari. Aktar tard, l-idea kienet żviluppata mit-tabib Ingliż Thomas Sydenham.

Biex nifhmu l-impatt li ħalla Hippocrates fl-istorja tal-mediċina, biżżejjed ngħidu li, għalkemm mhijiex obbligatorja, il-Ħalfa Hippokratika, li hija l-ogħla espressjoni tal-etika medika, għadha tittieħed sal-lum stess. Fiha, tobba ġodda jaħilfu solennimentli, fil-qadi tal-professjoni tagħhom, huma jaderixxu ma' għadd ta' standards speċifiċi tal-etika.

X'aktarx li Hippocrates miet f'Larissa fl-età ta' bejn il-85 sena u l-110 snin.

### Celsus



Celsus x'aktarx li twieled f'Narbonne, fi Franza, għall-ħabta tas-sena 25 qabel Kristu. Għalkemm ma kienx tabib, jidher li kellu tagħrif mediku kbir għal żmienu u kien jipprattika l-mediċina fuq is-sefturi u l-iskjavi tal-familja tiegħu stess. Huwa l-awtur ta' kotba dwar prattiċi mediċi ta' żmien ir-Rumani u kien jissimpatizza ħafna ma' Hippocrates u l-metodi tiegħu. Celsus emfasizza ħafna l-importanza li jinfetaħ il-ġisem uman biex nitgħallmu kif inhu magħmul minn ġewwa. Kien diġà rrealizza li l-arterji jġorru d-demm taħt pressjoni u insista li l-pronjosi u d-dijanjosi għandhom isiru qabel it-trattament tal-pazjent. Il-metodi terapewtiċi tiegħu kienu jew permezz ta' dieta, jew bl-użu ta' sustanzi mediċinali jew billi ssir operazzjoni. Fl-istudji tiegħu, Celsus jagħti dieta dettaljata għal mard bħall-gotta u r-rewmatizmu u anki ta dettalji tal-istrumenti wżati dak iż-żmien f'din il-professjoni.

### Galen



Galen, tabib Grieg, twieled f'Pergamum, il-kapitali ta' Mysia fl-Asja Minuri, fis-sena 130 wara Kristu. Dak iż-żmien, il-belt ta' Pergamum kienet magħrufa għall-librerija manjifika tagħha miġbura mir-rejiet Attalid. Galen beda l-istudji mediċi tiegħu fis-sena 146 u, sentejn wara, mar Smyrna biex jattendi l-lectures ta' Pelops, tabib ċelebri ieħor. Fis-sena 164, Galen mar Ruma u sar midħla ta' bosta uffiċjali għoljin tal-istat.

Ftit nafu fuq il-kumplament ta' ħajtu. X'aktarx li Galen kien preżenti meta nħarqet Ruma fis-sena 191, meta ħafna mix-xogħlijiet tiegħu nqerdu fin-nar. Galen kien studjuż prolifiku. Infatti, huwa kien l-awtur ta' madwar ħames mitt teżi miktubin bil-Grieg.

Galen jista' jitqies bħala l-fundatur tal-fisjoloġija esperimentali u, wara Hippocrates, bħala l-akbar tabib ta' żmien il-qedem. Probabbilment li Galen miet fi Sqallija fis-sena 200 wara Kristu.

### Theophrastus Bombast von Hohenheim



Wara Galen, id-dinja ta' dak iż-żmien għaddiet minn dawk li baqgħu magħrufin bħala ż-żminijiet tad-dlam (*the Dark Ages*) u, bħal f'għadd ta' oqsma oħra, ftit li xejn sar progress fil-qasam tal-mediċina. Il-fiżiċi ta' dawk iż-żminijiet, baqgħu, tista' tgħid, jipprattikaw il-professjoni tagħhom skont it-tagħlim antikwat ta' Hippocrates u ta' Galen. Għaldaqstant, ikollna naqbżu iktar minn elf sena biex nerġgħu niltaqgħu ma' xi żviluppi importanti li huma denji ta' nota.

Theophrastus Bombast von Hohenheim, magħruf aħjar bħala Paracelsus, twieled ħdejn Einsiedeln, fil-kantun ta' Schwyz, fl-Isvizzera, fis-sena 1490, sentejn qabel ma Kristofru Kolombu skopra l-Amerika. Il-laqam Paracelsus x'aktarx li kien invenzjoni tiegħu nnifsu biex juri li huwa kien l-oppost ta' Celsus li, kif rajna diġà, kien filosfu tal-ewwel seklu wara Kristu.

Fl-1526, Paracelsus mar Basel biex jagħti xi *lectures* fl-università. Qabel beda l-lectures, huwa ħaraq il-kotba ta' Galen u ta' Avicenna, li kien tabib Għarbi li għex madwar elf sena wara Kristu. Imbagħad, Paracelsus għadda biex jagħti l-*lectures*

tiegħu li kienu bil-Ġermaniż minflok bis-solitu Latin.

Ix-xogħol prinċipali tiegħu huwa *Paragranum* li fih espona l-prinċipji ġenerali tal-mediċina. Fl-1526, Paracelsus kiteb ukoll ktieb dwar il-mard mentali imma dan ix-xogħol ma kienx ippubblikat qabel xi għoxrin sena wara mewtu.

Fl-1541, l-Arċisqof Ernst stiednu biex joqgħod f'Salzburg taħt il-protezzjoni tiegħu. Hemmhekk, Paracelsus miet fl-24 ta' Settembru tal-istess sena u, fl-1752, inbena monument għad unur tiegħu.

**Ambroise Parè**

Ambroise Parè, tabib Franċiż, twieled fl-1510. Beda l-istudji tiegħu ma' wieħed barbier. Dan xejn m'għandu għax jiskantana għax, f'dawk iż-żminijiet, il-barbiera kultant kienu anki jagħmlu xogħol ta' kirurgi. Huwa, appuntu, għalhekk li, anki sal-ġurnata mqaddsa tal-lum, lill-kirurgi nindirizzawhom bit-titlu ta' mister u mhux ta' doctor. U, jekk ma tagħmilx hekk, aktarx iva milli le, jieħdu għalihom.



Aktar tard, Ambroise Parè kien fl-Armata tar-Re u, għalhekk, kien ikun spiss fuq il-kamp tal-battalja. Fost affarijiet oħra, Parè skopra li l-feriti b'armi tan-nar li, dak iż-żmien, kienu jittrattawhom biż-żejt jagħli, ifiequ aktar malajr u b'anqas uġigħ jekk tidlikhom b'ingwent magħmul mill-isfar tal-bajd, żejt tal-ward u terpentina. Ambroise Parè miet fl-1590.

# It-Tberik

## Kitba ta' Carmen Dimech



Kos hux; mur ifhem il-moħħ tal-bniedem kif jaħdem! Jien, jekk tistaqsini x'kilt ilbieraħ, probabbli ngħidlek li nsejt imma l-ġrajjiet ta' sebgħin sena ilu niftakarhom qishom *video* ħaj idur ġo moħħi. Infatti, illum, fettilli nikteb dwar kif niftakar li kien ikun it-tberik tad-djar fl-imgħoddi; meta kien għad kelli madwar seba' snin.

Hawnhekk tridu timmaġinaw li, wara iktar minn xahar nassistu għal knejjes mgħottijin bid-damask iswed, u vari ta' Kristu miksijin bid-demm niexef, flimkien ma' noti kiebja ta' qniepen idoqqu marċi funebri mill-kampnari tagħhom, l-għodwa glorjuża tal-Għid imqaddes bilfors li kienet timla' lil kulħadd bil-ferħ. U, għal din l-okkażjoni, id-djar kollha kienu jħejju ruħhom permezz ta' *spring cleaning* kif jixraq. Jiżżarmaw il-purtieri ta' kuljum biex, minflokhom, jintramaw dawk li kienu jintużaw biss għal xi magħmudija ta' xi wild ġdid; joħorġu l-*bedspread* it-tajba u s-sopra kuxxini rrakkmati u llamtati; id-*doilies* tal-bizzilla u xi tapit (għal min kien ikollu) u, f'nofs il-kamra ta' barra, fuq it-tavolina, kienu jlestu flixkun xorb irqiq u xi żewġ tazzi mill-aħjar li jkollhom id-dar. Għax, mat-tokki tal-qniepen li, issa, kienu jindaqqu bil-ferħ tal-Glorja, minn kull knisja parroċċa, kienu joħorġu s-saċerdoti bl-asperġes bl-ilma mbierek u jidħlu ġo kull dar biex ibierku lilha u l-familja li tkun tgħix fiha. Dak iż-żmien, ir-rispett lejn is-saċerdot kien tali li konna nsejħulu l-ministru t'Alla u, kull meta konna ninzertawh għaddej mit-triq, konna nieqfu nbusulu jdejh u nitolbuh iberikna.

Hawnhekk irrid ngħid li din il-battikata kollha biex inaddfu u jżejnu d-dar mill-aħjar li jistgħu kienet isservi biss, tista' tgħid, għal ftit tal-ħin li s-saċerdot kien idum ġo kull dar għax, malli joħroġ, il-mara tad-dar kienet terġa tibda żżarma kollox. Imma, qabel terġa terfa' kollox f'postu fil-kxaxen, kienet ukoll id-drawwa li tperreċ kollox fuq il-ħbula tal-inxir; għall-arja, kienu jgħidu! Illum, iktar naħseb li kienu jagħmlu hekk biex juru lill-ġirien kemm għandhom tapit fin u purtieri sbieħ. Nerġa' ngħid; għal min kien ikollu.

Fid-dar miżera fejn konna noqogħdu aħna, konna ngħixu ħdax-il ruħ; ommi u missieri, seba' aħwa, in-nanna Lużar u ħuha, iz-ziju Karmenu. Issa, din id-dar qadima kienet tikkonsisti biss f'taraġ u kamra u taraġ u kamra u taraġ u kamra oħra. Naturalment, lanqas il-kamra l-baxxa ma kellna. Tistaqsunix kif għexna għax dik storja oħra u, illum, iddeċidejt li nibqa' fuq is-suġġett tat-tberik. Din l-hekk imsejħa dar, kienet taħbat l-aħħar bieb fin-naħa t'isfel ta' Triq l-Isptar il-Qadim, il-Belt, kantuniera ma' Triq Fontana, taħt is-Sur ta' Sant Iermu, biex nifthiemu. Għat-tberik, il-patri flimkien mal-abbati bis-sasla, normalment, kienu jibdew minn naħa ta' fuq u, wara li jkun berkilhom id-dar, il-parruċċani kienu joffrulu xi grokk aniżett jew *creme de menthe*, jew rużolin jew *vermouth*; jekk mhux xi naqra whiskey wkoll. Tistgħu taħsbu li, wara li jkun għadu bierek biss xi nofs tużżana djar, mhux l-ewwel darba li l-patri kien jispiċċa jixxengel xi ftit sakemm il-Kurja mpediet lill-fidili li jkomplu jisqu xorb alkoħoliku lill-patrijiet li kienu jiġu jberkulhom.

Mela, sena minnhom, min ħareġ ibierek fit-triq tagħna, flok beda minn naħa ta' fuq, bħassoltu, fettillu jibda minn naħa t'isfel. Dak iż-żmien, il-bieb konna nħalluh imbexxaq għax, jekk il-bieb ikun magħluq, dak seta' jfisser li s-saċerdot ma kienx milqugħ f'dik id-dar. Tagħna kien imbexxaq u l-patri mbotta l-bieb 'il ġewwa, daħal u ġie wiċċ imb wiċċ man-nanna Lużar nieżla t-taraġ bis-slopp biex tbattlu. Naturalment, instamtet għax ma kinitx qed tistennieh ġej daqshekk kmieni u, kif ngħidilkom jien, dakinhar, il-grokk xorb irqiq kellna nisquh lilha flok lill-patri għax tant ħaditha bi kbira. Għalkemm mhux b'intenzjoni, in-nanna ġenwinament ħasbet li kienet naqset mir-rispett lejn il-ministru t'Alla. U għalxejn il-patri tbissem u assiguraha li kien ħafrilha għax in-nanna baqgħet tqerr dak id-dnub sa ma mietet; ta' kważi tlieta u disgħin sena. U jiena konvinta li, qabel dehret quddiem il-Mulej ġewwa l-Ġenna u aċċertaha Huwa nnifsu li kien ħafrilha, baqgħet ma setax jgħaddilha!

# Il-Mużika Spanjola – attrazzjoni kbira

## Kitba ta' Peter Paul Ciantar

Ħafna kritiċi tal-mużika jistqarru li l-aħjar mużika Spanjola hija miktuba minn kompożituri li mhumiex Spanjoli. Għal din l-istqarrija, l-Ispanjoli jieħdu fastidju, u għandhom raġun għax kienu ħafna dawk il-kompożituri Spanjoli li tawna mużika Spanjola mill-aqwa. Imma kompożituri kbar bħal Chabrier, Rimsky-Korsakov, Ravel, Emile Walteuful, Johann Strauss, Glinka, Edward Lalò, Bizet u ħafna u ħafna oħrajn ukoll kitbu mużika Spanjola mill-isbaħ għalkemm ma kinux Spanjoli. Ir-raġuni hija li din l-art Spanjola għandha karattru mużikali mill-isbaħ. Il-kuluri u r-ritmi sbieħ Spanjoli jispiraw bis-sħiħ lill-kompożituri fil-kitba mużikali tagħhom.

Malta wkoll kienet influwenzata minn mużika Spanjola. Jiena żgur li bosta jiftakru li ħafna mill-marċi Maltin, marċi tal-festa, kienu jkunu stil Spanjol u kienu jintgħoġbu ħafna. Għaldaqstant, wieħed jista' jgħid li, fl-imgħoddi, kompożituri Maltin aktar kienu jikkomponu marċi b'ritmi Spanjoli milli marċi bi stil militari.



**Emmanuel Chabrier**

Mingħajr dubju ta' xejn, wieħed mix-xogħlijiet mużikali Spanjoli mill-aktar popolari, miktub minn kompożitur Franċiż, huwa *Espana* ta' Emmanuel Chabrier. Din hija rapsodija għall-orkestra, miktuba fl-1883 meta Chabrier kellu tnejn u erbgħin sena. Chabrier ikkompona din il-kompożizzjoni orkestrali wara żjara li huwa kien għamel fi Spanja. Il-famuż kompożitur Gustav Mahler sejjaħ dan ix-xogħol Spanjol tal-kompożitur Franċiż Chabrier bħala l-bidu tal-mużika serja moderna. Chabrier ikkompona diversi xogħlijiet mużikali, fosthom opri, xogħlijiet orkestrali, mużika għall-pjanu, għanjiet klassiċi u xogħlijiet oħra. Imma ismu huwa marbut l-aktar ma' din il-mużika Spanjola, *Espana*.

L-Opra *Carmen* ta' Bizet ukoll għandha ħoss sabiħ Spanjol u, minkejja li nkitbu diversi opri Spanjoli, dawk imsejħa *Zarzueli*, l-opra *Carmen* hija l-aktar opra popolari b'timbru u karattru Spanjol. Din l-opra hija l-kapulavur suprem ta' Bizet u ddur f'Sevilja, tibda minn pjazza viċin il-fabbrika tat-tabakk u tintemm b'mod l-aktar traġiku ħdejn l-arena tat-toru waqt li għaddej il-ġlied mal-barri. Hija ħasra li Bizet miet mingħajr ma sar jaf dwar il-kobor ta' din l-opra tiegħu!

Edouard Lalò (1823 - 1892), kompożitur Franċiż ieħor, huwa magħruf l-aktar għax-xogħol tiegħu *Symphonie Espagnole* u dan minkejja li kkompona ħafna u ħafna aktar. Hawn tajjeb li wieħed isemmi li Lalò huwa ta' dixxendenza Spanjola. Fil-fatt, *Symphonie Espagnole* hija aktar kunċert għall-vjolin u orkestra milli sinfonija. Jiena naħseb li l-kompożitur semmieha sinfonija u mhux kunċert għall-vjolin minħabba l-importanza li huwa ta lill-orkestra daqskemm ta lill-vjolin solista. Bħalma wieħed jistenna, il-ħoss Spanjol qiegħed fil-kompożizzjoni. Dan ix-xogħol indaqq għall-ewwel darba f'Pariġi fi Frar tal-1875 u Lalò kkompona dan ix-xogħol kbir tiegħu għall-vjolinista ċelebri Spanjol, Pablo Sarasate.

**Glinka**



Glinka (1804-1857) missier il-mużika klassika Russa, huwa l-kompożitur li influwenza diversi kompożituri oħra Russi li ġew warajh. Imma, mingħajr dubju ta' xejn, l-*Overture* Spanjola Nru. 1, *Capriccio Brillante on the Jota Aragonesa* hija waħda mix-xogħlijiet orkestrali tiegħu mill-aktar popolari. Glinka għandu aktar xogħlijiet orkrestrali marbutin ma' Spanja imma l-*Overture Spanjola* Nru 1 hija l-aktar popolari għax mimlija ritmi u timbri mużikali Spanjoli mill-aktar popolari. Naturalment, biex jikkomponi dan ix-xogħol mużikali, Glinka tnebbaħ minn mawra li kien għamel fl-art Spanjola.

Kompożitur ieħor Russu, Nikolai Rimsky-Korsakov (1844 -1908) kien ċelebrità fl-orkestrazzjoni u tana waħda mill-isbaħ xogħlijiet mużikali orkestrali tiegħu *Capriccio Espagnol* li huwa *suite* orkestrali b'ħames movimenti tassew sbieħ. Din il-kompożizzjoni brillanti hija mibnija fuq melodiji folkloristiċi Spanjoli li l-kompożitur ikkompona fl-1887 meta kellu madwar tlieta u erbgħin sena u kien fl-aqwa tiegħu.

U, la semmejna l-orkestrazzjoni, insemmu x-xogħol ta' Ravel, il-famuża *Bolero* li ma hi xejn ħlief eżerċizzju mużikali ta' Ravel biex juri l-kapaċità tiegħu fl-orkestrazzjoni. Maurice Ravel (1875 - 1937) huwa wkoll kompożitur Franċiż magħruf ħafna għal din il-kompożizzjoni. Issa, kulħadd jaf li din id-danza, oriġinalment, hija Spanjola u li twieldet tard fis-seklu tmintax. Fuq din id-danza Spanjola, Ravel bena *ballet* f'moviment wieħed fuq kummissjoni tal-ballerina, Ida Rubinstein.

**Boccherini**



Insemmu wkoll lil Debussy bix-xoghol orkestrali tiegħu *Iberia*, ħoss verament Spanjol minn kompożitur Franċiż, u lil Luigi Boccherini (kompożitur Taljan) li huwa wkoll kien influwenzat bis-sħiħ mill-mużika Spanjola. Hawn wieħed irid iżomm f'moħħu li Boccherini qatta' parti kbira mill-karriera mużikali tiegħu f'Madrid.

Nistgħu nibqgħu sejrin kemm irridu għax il-kompożituri kbar li, xi darba jew oħra, rifsu l-art Spanjola, kollha ħallew xi tifkira mużikali. Imma, biex ma niħux ħafna fit-tul, nispiċċa bi tnejn. Il-kompożitur Franċiż Emile Waldteufel (1837 - 1915) li kkompona numru sabiħ ta' valzi, fosthom wieħed mill-aktar magħruf tiegħu, *Espaniol*, sabiħ ħafna b'ħoss verament Spanjol u bi strumentazzjoni marbuta ma' strumenti Spanjoli.

Fl-aħħar, insemmi wkoll lill-famuż Johann Strauss, b'dak il-marċ Spanjol tiegħu li verament, meta nisimgħu, inħossni qiegħed Madrid jew f'xi belt oħra Spanjola, niekol il-*paella* u nixrob is-*sangria*.



# Mill-ewwel parti tal-mixja ta' ħajti

## Kitba ta' Franky Piccinino

Jien kelli ziju sagristan. Għall-ewwel, kien is-sagristan tal-knisja tal-Ġiżwiti, fi Triq il-Merkanti l-Belt. Imma jien qajla niftakru hemmhekk għax, fl-1958, meta kien għad lanqas biss kelli għaxar snin, iz-ziju ċċaqlaq minn hemm u mar jieħu ħsieb il-knisja ta' San Franġisk ta' Putirjal. Sena wara, iz-ziju Romeo miet għall-għarrieda imma wliedu, Ġużi u Freddie, baqgħu sagristani minfloku.

Bdejt immur San Franġisk biex nagħti daqqa t'id lil kuġini. Għall-bidu, kont noħodha qisha kienet xi xalata. Ngħiduha kif inhi, aħjar San Franġisk ngħin il-quddies, niġbor bil-kopp jew nirranġa s-siġġijiet wara l-quddies milli bilqiegħda fuq bank l-iskola tal-Baviera. Forsi l-iktar ħaġa iebsa kienet meta kont ngħin il-quddies ta' kmieni. Kont inkun għadni nofsni rieqed u min jaf kemm-il darba ħallejt lil Patri Karm jirrepeti l-kliem: *in saecula saeculorum* u ma jiqafx qabel ma jien kont nistembaħ u ngħidlu: *ammen*. Imma, maż-żmien, bdejt inħoss ġibda lejn il-ħajja tal-kunvent flimkien ma' xewqa li ningħaqad mal-patrijiet bħala ajk. Kellimt lill-Provinċjal, bniedem għaqli, li, wara li tbissem, ħasibha ftit u qalli li l-aħjar ħaġa tkun li l-ewwel nagħmel żmien ta' prova; imbagħad naraw.

Tistgħu taħsbu kif ħaditha ommi meta mort ngħidilha. Jgħidu li, dak iż-żmien, kont daqsxejn imqareb mhux ħażin u, għalhekk, ommi ma setgħetx temmen li kont ser nitlaq mid-dar biex ningħalaq f'kunvent. Mid-dehra, anki ħuti kienu ser iħossu n-nuqqas tiegħi mid-dar, minkejja li min jaf kemm-il darba nbixthom bil-praspuri li kont nagħmel. Imma jien bqajt ninsisti li dik kienet deċiżjoni tiegħi u tiegħi waħdi.

Meta lill-Provinċjal għidtlu li kont lest, tawni ċella u hekk bdiet l-avventura tiegħi fil-kunvent. Il-Provinċjal qalli li, ibda biex, ridt inqum kmieni kuljum ħalli ngħin il-quddiesa tal-ħamsa u nofs. Ngħid il-verità, sibtha daqsxejn iebsa għax, dak iż-żmien (mhux bħal-lum) kont norqod daqs bumarin u bil-mod biex kont tqajjimni. Min jaf kemm-il darba kienu jdumu jħabbtu mal-bieb taċ-ċella tiegħi biex iqajmuni u kienu jispiċċaw iqajmu lil kulħadd qabel nismagħhom jien! Imma, biż-żmien, kollox jindara u bdejt ngħaddiha mhux ħażin għax, bejn festa u oħra, ix-xogħol kien varjat ġmielu. Daqqa tfarfar, tiknes u taħsel il-knisja u daqqa tnaddaf il-kandlieri bil-*John Bull* jew titla' ddoqq il-qniepen fuq il-kampnar; jew tarma d-damask; tirranġa l-fjuri fil-vażetti u tarma l-artali; ma tantx kelli biex indejjaq qalbi.

Ma' Fra Ġorġ li, prinċipalment, kien jieħu ħsieb it-tisjir, kont immur tajjeb ukoll u, minn żaqqi, qatt ma kont nieqes. Lil Fra Gorġ ġieli kont ngħinu fil-kċina u xi praspura ma naqsitx ukoll, għax jien kont tifel li dejjem ridt nagħmel dak li tgħidli rasi. Darba minnhom, Fra Ġorġ, Alla jaħfirlu, qalli li ridna noqtlu s-serduq li konna rrabbu fil-gallinar li kellna fuq il-bejt biex jagħmel belha brodu għal Patri Bonaventura li kien fuq dieta stretta ordnata mit-tabib. Qatt ma kont qtilt serduq qabel imma kont naf kif għax lil Fra Ġorġ ġieli rajtu jħanxarlu għonqu. Ta' tifel li kont, għidtlu biex iħalli f'idi ħa noqtlu jien u, sakemm il-Fra mar iġib dixx minn ġewwa biex niskarnawh fih, sibt il-lexxuna li biha konna nqattgħu l-ħatab għall-forn (għax stkerraħt naqtagħlu rasu bis-sikkina) qbadt is-serduq minn ġwenħajh, għamiltlu rasu fuq iċ-ċint tal-bejt u niżżilt il-lexxuna b'kemm kelli saħħa fuq għonqu. Bla ma naf kif, rasu waqgħet fuq il-bejt imma s-serduq, b'saħħa li ma nafx minn fejn sabha, flok tgħaxxex, ferfer ġwenħajh, ħarabli minn idi u tar għat-triq id-dejqa li hemm wara l-knisja. Tistgħu taħsbu kif, għal mument, bqajt imbellah. X'kien ser jgħid Fra Ġorġ meta jiġi lura bid-dixx vojt? Inżilt sparat u mort infittxu. Imma tfittxu fejn? Ma kontx naf x'naqbad nagħmel. Bdejt nistaqsi n-nies jekk kinux raw xi serduq jiġri fit-triq bla ras! Imma xorta bqajt ma sibtux. Li naf żgur hu li, dakinhar, Patri Fiorini kellu jitqanna bil-brodu tas-serduq mingħajr serduq u, meta staqsa fejn kien is-serduq, Fra Ġorġ, li kellu sens umoristiku qawwi, qallu li, jekk ried is-serduq, kellu jmur ifittxu Strada Stretta.

Iż-żmien għadda u jien kont qed nikber ukoll. Dik li kont ħsibt li kienet vokazzjoni beda jieħu postha ċertu sens ta' solitudni; speċjalment filgħaxijiet. Bdejt nimmissja l-ħbieb u l-familja. Wara jum ta' ħidma, kont noħroġ nittawwal daqsxejn fil-gallarija li tħares fuq Triq Irjali nara ż-żgħażagħ jippassiġġaw u jittantaw ix-xemx għaddejja filwaqt li niftakar li jien kont sejjer norqod waħdi ġo ċella kiesħa u mudlama.

Fl-1963, iżżewġet oħti l-kbira u, naturalment, jien mort għat-tieġ tagħha. Kont għadni ma pprofessajtx, jiġifieri, kont għadni ma ħadtx il-libsa ta' fra. Niftakar li, fit-tieġ, kien hemm ħafna mistednin u jien bilqiegħda f'ġenb narahom jiżfnu. Ħin minnhom, ġiet fuqi daqsxejn ta' tfajla u staqsietni jekk ridtx niżfen. Dak il-ħin inħsadt. Ma kontx naf sew x'kelli nagħmel. Li naf żgur hu li, f'daqqa waħda, sibt ruħi f'nofs is-sala, b'idi ma' qaddha, wiċċi ma' wiċċha u l-għaraq ma ried jieqaf b'xejn. Mur ġib il-provinċjal jarani f'dik is-sitwazzjoni skabruża! Min jaf kemm kien iġegħelni naħsel ċelel biex nagħmel il-penitenza! Wara t-tieġ, mort lura lejn il-kunvent imma dak il-lejl ma stajtx norqod. Moħħi kien f'dik it-tfajla li qaltli li jisimha Sonia. Kif kienet mistiedna ma kontx naf u, meta staqsejt lil ommi, weġbitni li Sonia hija t-tifla tat-tifla ta' kuġinitha.

Is-Sibt ta' wara t-tieġ t'oħti, ħriġt nagħmel qadja għal wieħed mill-patrijiet u, fit-triq, ġejt wiċċ imb wiċċ ma' kuġina tiegħi. Hija qaltli li ltaqgħet ma' Sonia u li din staqsiet għalija. Problema oħra! Sonia ma kellha ebda tort. Ovvjament, hija ma kinitx taf li jien kont magħluq f'kunvent mal-patrijiet, suppost qed nipprepara ruħi biex insir ajk. Il-kuġina kompliet tgħidli li, jekk ridt niltaqa' ma' Sonia, hija kienet ser tkun Putirjal, ħdejn tal-pastizzi f'ċertu jum u f'ċertu ħin. Għalija kien ukoll ħin kruċjali li fih kelli nieħu deċiżjonijiet importanti li kellhom jaffettwaw il-bqija ta' ħajti. Insejt il-kunvent u l-vokazzjoni; insejt lill-Provinċjal u lil Fra Ġorġ; il-kandlieri u l-fjuri; u anki d-damask u l-qniepen. L-uniċi qniepen li bdejt nisma' jdoqqu kienu dawk li kienu qed jgħiduli biex infittex niltaqa' ma' Sonia; biex nara x'inqalgħalha!

Biex ma ntawwalx, wara ftit iktar minn sentejn noħorġu flimkien, iddeċidejna li niżżewġu Għalkemm ma sirtx reliġjuż Franġiskan, il-Ħanin Alla għoġbu jżejjinna b'erbat itfal il-ġmiel tagħhom u, meta nħares lejn il-familja tiegħi, nasal għall-konklużjoni li l-Mulej hekk ried! Wara kollox, iż-żwieġ jista' jkun vokazzjoni wkoll!

Illum għandi wieħed u sebgħin sena u, kull darba li nidħlu l-Belt u ngħaddu minn taħt San Franġisk jew minn ħdejn Vincenti Buildings, lil Sonia dejjem ngħidilha: "Ara tarax xi serduq jiġri barra bla ras!" U kull min jarana jaħsibna boloh għax tgħidx kemm indumu nidħqu!



# Patri Rafel

## Novella ta' Paul J. Debono minn Ħal Lija

Wenzu, għax hekk kien jismu qabel ma ġietu x-xewqa jidħol patri, kien żagħżugħ qalbu f'idu, ħabib is-sewwa u dejjem jara kif jista' jkun ta' għajnuna għal ħutu l-bnedmin. Missieru kien sid u kaptan ta' skuna żgħira u, għall-ewwel, ibnu ħass fih l-għajta tal-avventura u mar jaħdem ma' missieru. Il-missier laqgħu bil-ferħa imma Wenzu ma damx ibaħħar wisq. Wara li għamel xi żewġ vjaġġi, il-ġuvnott intebaħ li missieru kien qed iġorr il-kuntrabandu, bħal btieti bil-brandi u krietel ta' tabakk mhux maħdum. Bla tlaqliq, ma baqax lura milli jiftaħlu għajnejh. "Missier," qallu, "din it-triq ma tgħoddx għalik. Ma tafx li, illum jew għada, tista' tinqabad, issib ruħek arrestat u mixħut il-ħabs?" Imma dan il-kliem għaqli waqa' fuq widnejn torox għax il-missier baqa' għaddej b'dak ix-xogħol klandestin u, meta ra hekk, Wenzu ħass li huwa ma kellux triq oħra ħlief dik li jabbanduna t-tbaħħir.

Kien hawn li dak iż-żagħżugħ mar iħabbat il-bieb tal-kunvent u wera x-xewqa li xtaq jidħol patri. Il-Pirjol laqgħu b'idejh miftuħin u Wenzu sar novizz, inxteħet fuq l-istudji u, wara tliet snin, libes iċ-ċoqqa u ħa l-isem ta' Rafel. Imma, għodwa waħda, irċieva aħbar li tant sewditlu qalbu. Il-ġarra, ġejja u sejra, sa fl-aħħar, tinkiser u missieru, flimkien ma' dawk kollha li kienu miegħu abbord l-iskuna, kienu arrestati u mitfugħin il-ħabs. Patri Rafel ħass għafsa ta' qalb kbira. Għalih, ma kien tal-ebda konsolazzjoni l-ħsieb li huwa kien fetaħlu għajnejh lil missieru biex ma jkomplix iterraq dik it-triq li kien qabad.

Ħass għal ommu u għal oħtu li, biex jgħixu, issa kienu kostretti joħorġu jaħdmu. It-twajjeb Patri Rafel kien jagħmel mezz biex jipprova jgħinhom b'kull mod li jista'. Bħal kull patri ieħor, fl-aħħar tax-xahar, kien jirċievi ħames xelini mingħand il-Pirjol tal-kunvent u hu kien jaqbad tliet xelini minnhom u joħodhom lil ommu. Patri Rafel kien jagħti daqqa t'id lil Fra Rużar, fl-għalqa li kien hemm mal-kunvent u, kull meta kienu jaqilgħu l-patata jew jaqtgħu l-frott, qatt ma kien jinsa jwarrab dik ix-xi ħaġa żgħira għal ommu u għal oħtu.

Il-Pirjol inbidel u dak li ġie floku ftit li xejn ħa grazzja ma' Patri Rafel; dejjem ifittex ix-xagħra fl-għaġina biex jikkritikah. Darba fost l-oħrajn, meta ra lil Patri Rafel jagħti daqqa t'id fit-twaħħil tad-damask, saħansitra wasal biex qallu: "Patri Rafel, m'intix taħseb li, b'dak ix-xogħol, se tirbaħ xi mertu, hux? Kif ngħidlek jien, il-buffu tat-teatru għandu iktar mertu minnek!" nibxu l-Pirjol b'dan il-kliem iebes li, fis-sewwa, qatt ma messu ntqal. Patri Rafel baxxa rasu u baqa' b'fommu mitbuq. Ħass li ma kienx għaqli jwieġeb lis-superjur tiegħu.

Li ħass żgur kienet ċerta kurżità titwieled ġewwa qalbu biex jitkixxef iktar dwar il-merti ta' dak il-bniedem umli li semma l-Pirjol. Sar jaf li l-paga ta' dak li kulħadd kien jirreferi għalih bħala l-buffu tat-teatru kienet waħda miżera, li huwa kellu ħamest itfal u li hu, flimkien ma' martu u wliedu, kienu jgħixu fil-faqar. Bħal dejjem, it-twajjeb Rafel ra kif għamel biex jgħinhom kif jista'. Ftiehem ma' Fra Rużar u dan newwillu ftit ħaxix u frott minn tagħhom. Barra minn hekk, talab lill-Pirjol biex jagħtih xi ħaġa tal-flus mill-kaxxa tal-fqar għax qallu li hemm familja fil-bżonn u l-Pirjol tah sikspenz. Patri Rafel żamm is-sikspenz u bidlu ma' xelin minn tiegħu u, lejla waħda, mar jagħmel żjara fil-gorboġ ġewwa l-isqaq fejn kien joqgħod il-buffu tat-teatru.

Dik il-lejla, fit-teatru kien hemm serata ta' divertiment u, meta l-buffu ħareġ fuq il-palk, fettillu jibda bi ftit battuti li kien diġá qalhom bosta drabi oħra qabel. Fuq quddiem nett, kien hemm għadd ta' żgħażagħ li l-għors tagħhom kien li jittantaw ix-xemx għaddejja u jiddieħqu b'dak li jkun. Xħin bdew jisimgħu lill-buffu jgħid dak iċ-ċajt li issa kien qdiem mhux ħażin, dawn l-imqarqċin infexxew fit-tisfir, l-ibbuwjar, l-għajjat u l-insulti u s-siparju ngħalaq b'ħeffa daqsxejn iktar minn tas-soltu. Xħin l-imsejken buffu ħareġ mit-teatru, resaq fuqu wieħed sinjur liebes pulit, tah f'idejh munita tal-fidda ta' ħames xelini u qallu: "Ħa ħabib, din għalik biex forsi tpatti xi ftit għaż-żeblieħ li kellek toqgħod għalih minn dik il-marmalja!"

Wasal id-dar qabel is-soltu u qatt ma basar li ser isib patri li ġie biex jarah. Kif uliedu semgħu leħnu, niżlu jifirħu bih; min jgħannqu, min ibusu; kollha ħerqana jistennew dik ix-xi ħaġa tal-ħelu li kien igibilhom missierhom kull filgħaxija. Dak il-miskin missier kien lest li, saħansitra, anki jiċċaħħad miż-żewġ soldi li kien ikollu għat-tabakk tal-pipa, basta jara lil uliedu jifirħu.

"Għandek platt minestra," qaltlu martu hekk kif marret tifraħ bih hija wkoll. "Forsi, f'qalbek, qed tgħid, 'Iva dejjem minestra?' Imma dik hija l-ikla l-aktar irħisa u, fl-istess ħin, l-iktar sustanzjuża wkoll."
"Ma jimpurtax," weġibha żewġha. "L-aqwa li nsib platt sħun, mhux hekk?" Imbagħad, waqaf iħares madwaru u kompla jgħid, "Ara Patri Rafel! Dejjem xtaqt inkellmek imma qatt ma sibt il-waqt."
"Issa tista' tkellimni," dlonk wieġbu l-patri; "Ġibtilkom ftit ħaxix u frott milli nkabbru aħna."
"Grazzi," qallu r-raġel; "Naf kemm intom il-patrijiet tħobbu tgħinu l-fqir u l-batut."
"Ġabilna xi ħaġa żgħira tal-flus ukoll," kompliet tgħidlu martu.
"Mela ġiet tajba llejla għax jien ukoll sibt sinjur ta' qalb tajba li tani xi ħaġa għax.....għax qalli li tant jieħu pjaċir biċ-ċajt li ngħid jien!"
Il-buffu ried jiċċelebra, anki mill-faqar tiegħu. Mar ġab flixkun imbid u ferra ftit minnu fi tliet tazzi u xorbu bis-saħħa tax-xorti tajba li messithom dakinhar.
"Jien se nħallikom fil-paċi," qalilhom Patri Rafel, "qabel terġa' tibda nieżla x-xita!" Berikhom, tahom il-lejl it-tajjeb u telaq ferħan lura lejn il-kunvent. Fit-triq, beda jhewden waħdu: "Kos hux; sewwa qalli l-Pirjol. Dan il-bniedem umli u sempliċi żgur li għandu merti iktar minni quddiem il-Ħallieq! Kemm iħobb il-familja tiegħu; kemm jaħdem għaliha; kemm jagħmel sagrifiċċji għalihom ilkoll u kemm jieħu paċenzja bihom, miskin!"
Fortunatament, flimkien mal-ħafna nies ħżiena li nsibu fid-dinja, hawn ukoll bosta bnedmin twajbin u li mhuma magħrufin minn ħadd. Imma l-kbir Alla, li jara u jisma' kollox, żgur li jiftakar fihom meta jasal il-waqt!

# Mill-ktieb tat-tifkiriet ‘Fjuri li ma Jinxfux’

tal-Prof. Oliver Friggieri




# ‘Il barra mid-dar

Bħal ħafna Maltin oħrajn ta’ żmienhom, ommi u missieri ma kinux nies li jivvjaġġaw wisq; u la lil hinn minn Malta u lanqas fi ħdan Malta stess. Kellna l-vantaġġ li noqogħdu l-Furjana, ftit passi biss ’il bogħod mill-venda tal-karozzi tal-linja f’Bieb il-Belt, jew ‘Putirjal’, kif trabbejt nismagħhom isejħulu l-Maltin li, mill-kelma Taljana *Porta Reale*, kien għad kellhom il-ħila joħolqu kelma tagħhom u għalihom. Mixja qasira ta’ erba’ minuti u hemm aħna, wasalna quddiem għażla ta’ karozzi lkoll jistennewna biex nirkbuhom u nsibu ruħna f’belt jew f’raħal ’il barra mill-Furjana. Il-vjaġġi ta’ tfuliti kienu madwar il-postijiet fejn kienet se ssir il-festi li ommi u missieri kienu jħobbuhom ħafna u l-aktar missieri li kien iħobb iqabbel kollox mal-festa li trabba fiha hu.

### Għawdex ’il bogħod ħafna

Jum fost l-oħrajn, fil-familja Friggieri saret l-iskoperta tal-gżira ta’ Għawdex. Missieri twebbel li jeħodna sa hemm. Ma nafx kienx mar qabel imma ommi żgur li le. Konna għadna żgħar u jidhirli li ħuti Violet u Lydia kienu għadhom ma tweldux. “Immorru sa Għawdex?” qal missieri lil ommi.

Ommi qaħqħet b’sinjal li ma qablitx.

“Immorru nqattgħu erbat ijiem.”

“Erbat ijiem?” staqsiet ommi mnixxfa. Għaliha, dehru eternità. Herbert u jien qbiżna bil-ferħ u għamilnieha fatta mill-ewwel.

“Erbat ijiem, mela. Trid iddum iżjed?”

“Iżjed? U ma tarax! Kif toħloqhom int ukoll!” Missieri għamlilna sinjal b’għajnejh biex ifissrilna li ommna kienet bdiet tiċċaqlaq. Ma kinitx trid wisq biex tispiċċa tgħid iva. Imma l-ewwel kelma kellha tkun le. Il-ħruġ ’il barra mid-dar, jew li torqod barra mid-dar, ma kinux virtujiet kbar sa dak iż-żmien.

“Norqdu hemm, pa?” staqsejnieh jien u ħija.

“Dażgur li norqdu hemm! F’lukanda.”

“U l-għasfur x’se nagħmlu bih? Min se jieħu ħsiebu?” kompliet ommi, konvinta li missieri ma kienx se jħalli warajh għasfur ibati fin-nuqqas tagħna. Kien amorin isfar kollu kemm hu, ferrieħi u dejjem jistenniena nersqulu lejn il-gaġġa u nkellmuh. Ma kienx jitkellem bil-lingwa tagħna imma nafu li kien jifhem kollox. Kienet qabditu ommi darba filgħodu, ftit wara li, minn Triq San Tumas, ġarrejna għal Misraħ San Kalċidonju. Kien hemm il-ħemda u, f’daqqa waħda, smajna t-tisfira ta’ għasfur xi mkien fil-gallerija ta’ ġewwa, li tagħti għal fuq bitħa tan-nies u li ommi kienet issejħilha “il-paġġatur”.

“Isktu, isktu, dan għasfur,” wissietna. Imxejna nkiss inkiss sa wara t-tieqa mbexxqa u, fuq il-ħabel tal-inxir, ilmaħna l-amorin. Ommi fetħet il-bieb tal-gallerija u qabditu bla tbatija. Kien għadu żgħir; bilkemm itir.

“Ħa narawh, ma, ħa narawh” għedna jien u ħija. Ommi żammitu bil-galbu f’idha l-leminija u, bix-xellugija, bdiet tmellislu rasu. Gidimha ftit u ommi qaltilna li din kienet ħaġa naturali. L-għasfur kien imbeżża’.

“X’se nsemmuh, ma?” staqsieha ħija.

“Issa ħallikom minn dan. Ma nafx fejn se nqegħduh.” Malli ġie mix-xogħol, missieri kiel u ħija u jien ħriġna miegħu biex nixtru gaġġa. Sadanittant, konna diġà ġibna bi tliet soldi skalora mingħand in-Napez, li kien ibigħ ikel għall-annimali wkoll. Issa, li lill-amorin sirna nħobbuh ilkoll u hu sar wieħed minna, ma konniex se nagħmlu vjaġġ mingħajr ma nħalluh f’idejn tajba.

“Mhix problema. Issa nieħdu għand oħti Ġuża u żżommulna hi,” qatagħha missieri. Ommi ma kellhiex skużi aktar. Fl-appartament tagħha, iz-zija Ġuża kellha għasfur hi wkoll. Ma niftakarx x’kien imma niftakar b’liema għożża kienet tieħu ħsiebu.

Bdew it-tħejjijiet intensivi għall-vjaġġ; l-ewwel vjaġġ ta’ ħajjitna. L-idea li mmorru xi mkien ieħor, ’il bogħod, xi mkien fejn qatt ma morna, spiċċat biex saħħritna. Lil Għawdex konna nafuh biss minn xi poeżiji fil-kotba tal-iskola.

“Irħisa u tajba dik il-lukanda, hekk qaluli fuq ix-xogħol,” missieri serraħ ras ommi. Kien staqsa u ma damx ma bbukkja kamra għalina lkoll f’lukanda modesta f’It-Tokk, ġewwa r-Rabat. Bdew ħerġin il-ħwejjeġ mill-gwardarobbi u konna qisna sejrin l-Amerika għal għomorna. Lejlet il-vjaġġ, għedna r-Rużarju qabel il-ħin tas-soltu u rqadna kmieni. Ma kellniex aptit nidħlu fis-sodda. Kellna ferħ kbir u mistennija liema bħalha. Mal-ewwel ċempila tal-iżveljarin, tirna mill-friex u, fi ftit minuti, konna lesti, nistennew li ninżlu fuq l-istejġ fi Triq Sant Anna u naqbdu l-karozza għall-Marfa.

“Le, mhux mill-Furjana se neħduha l-karozza,” qalilna missieri. “Minn Putirjal. Hemm insibu żgur post bilqiegħda. Il-vjaġġ twil.”

L-impressjonijiet tal-mawra bil-karozza tal-linja għadhom f’moħħi. Tlajna fix-xarabank u kienet nofsha vojtha. Kien għadu kmieni. Bdiet titħarrek bil-mod il-mod u baqgħet sejra hekk sa nofs il-vjaġġ. Ħin bla waqt is-sewwieq ħarab u wasalna bla ma waqafna wisq matul it-triq kollha. Malta dehritli kbira kif qatt ma kont bsartha qabel. Ftit snin wara, mir-rumanzi Maltin li bdejt naqra, kelli niskopri li kienet wisq akbar; kbira ħafna! Imbagħad, bis-safar, tgħallimt il-verità.

Għal ommi, din kienet il-mawra l-kbira ta’ ħajjitha. Ħassitha ’l bogħod u ’l bogħod mid-dar, maqtugħa mill-kċina u mix-xogħol tas-soltu u bilkemm ma ddejqitx li ma kellhiex x’tagħmel. Wara tlitt ijiem, ħassitha, bħallikieku, mitlufa, imbiegħda wisq minn fejn kellha tkun. U l-għada, jew il-pitgħada, tlaqna lura. Kien vjaġġ żgħir, modest, sempliċi, lejn Għawdex. Minkejja li, maż-żmien, sifirt ħafna, fil-memorja tiegħi, dan għadu, sal-lum, l-isbaħ wieħed, għax l-iżjed imbiegħed fiż-żmien u għax Għawdex kien għadu tassew presepju mill-isbaħ. Forsi l-isbaħ memorja hi dik li tkun inbniet fil-bniedem fil-bidu. Tal-aħħar ibaħħar? Le, naħseb li tal-ewwel!



# TISLIBA Nru.98

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Raħal li jġib taħtu l-Mosta u Ħal-Lija (6)
5. Avveniment (6)
10. Metodu, Użanza (3)
12. Ħu ġurament (5)
14. Annimal li jaf jixximjotta bħal-bniedem (5)
15. Kmajra fil-beraħ aktarx bla saqaf (4)
16. Toni tagħna nofs tina! (2)
17. Libera; Pura; Nadifa (5)
19. Użin ta' 28.35 gramm (5)
22. Każ li ma jaħmilx oppożizzjoni (8)
24. Itlaq (3)
25. Jekk trid tolqot it-target agħmel hekk (6)
28. Miġra tal-ilma għaddej għall-baħar (5)
31. Waħda minn ħafna ġo kunventi/ħabs (5)
33. Pjaneta solari tagħna, wara Ġjove; Isem Alla falz ta' żmien ir-Rumani l-antiki (7)
35. Bhima tal-irkib (5)
37. Nofs l-ożon (2)
38. Ħsiebu hemm (6)
39. Niket (5)

**Weqfin:**
2. Wieħed mill-ilwien tal-Qawsalla (5)
3. Kewkba pjaneta magħrufa għad-dawl u s-sħana (4)
4. Min irodd; Restitutur (7)
6. *Paphel* mqassra (5)
7. Venerat (6)
8. Piż jitbandal (6)
9. Isem ta' raħal Għawdxi (6)
11. Il-ħafur bl-Ingliz (3)
13. Riso; Xorti; Għana (7)
18. Li mhux komuni (4)
20. Maħkuk fuq il-mola (7)
21. Ġurnata (3)
23. Xeħta għall-qdusija u għall-ħajja spiritwali (9)
26. Fih l-aċidu (6)
27. Ħatar; Sawt (6)
29. Duttur tal-liġi (6)
30. Ġab iżjed ċar (6)
32. Ħofra taħt id-drieghi tal-ġisem (3)
34. Dominju taħt kmand ta' re (5)
36. Grokk (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 97 intrebħet mis-Sur Victor Scerri, - Hamrun. **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 97**

**Mimdudin:** 1 indura , 5 bsaten, 10 lat, 12 atlas, 14 idrat, 15 rari, 16 da, 17 bruda, 19 torri, 22 trijonfi, 24 bin, 25 poodle, 28 butir, 31 rabbi, 33 friefet, 35 alibi, 37 at, 38 serser u 39 sitta.
**Weqfin:** 2 nadur, 3 utli, 4 astratt, 6 salib, 7 naġġar, 8 ċarrat, 9 batuti,11 add, 13 stuffat, 18 kind, 20 rbombja, 21 rio, 23 obbligati, 26 eremit, 27 ċaflas, 29 rettur, 30 fratas, 32 idi, 34 frott u 36 bar.



# L-Anzjani fil-Bibbja

### Kitba ta' Anthony Mule' Stagno
### President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani



**Samwel**
Lil Samwel diġà ltqajna miegħu id-darba l-oħra. Meta miet Eli, kien hu li sar imħallef ta' Iżrael u baqa' hekk sakemm miet. Imma, meta xjieħ, Samwel ukoll għamel lil uliedu mħallfin, bħalma kien għamel Eli qablu, u wlied Samwel ukoll għamlu bħalma kienu għamlu wlied Eli qabilhom. Għaldaqstant, il-poplu xejn ma kien kuntent bihom. Tant xebgħu mit-tmexxija ħażina tagħhom li marru għand Samwel u talbuh biex jagħtihom sultan biex imexxihom, bħalma kellhom il-popli kollha ta' madwarhom.

Hawn naraw li anki l-qaddisin jieħdu għalihom meta jinqarsu għax Samwel ħa għalih u lmenta ma' Alla li n-nies ma kellhomx fiduċja fih. Imma Alla sabbru u qallu; "Mhux lilek warrbu imma lili!" u kompla jgħidlu biex jisma' minnhom. Imma, qabel jagħtihom sultan, kif riedu, qallu biex iwissihom x'ser ikun ifisser dan għalihom; fost affarijiet oħrajn, li jkollom iħallsu t-taxxa ta' wieħed minn kull għaxra ta' kulma għandhom; li s-sultan jeħdilhom lill-uliedhom subien biex jaħdmu għalih u jkunu s-suldati tiegħu; u li jeħdilhom lill-uliedhom bniet biex jagħmlu l-fwieħa. Imma n-nies webbsu rashom u xorta waħda riedu sultan. Samwel obda lill-Mulej u sema' mill-poplu u baqa' baqa' sa ma dilek mhux biss lill-ewwel sultan imma anki lit-tieni wieħed ukoll.



L-ewwel sultan kien Sawl. Dan kien ġuvni sabih u twil mit-tribu ta' Benjamin. Missieru, Kis, kien għani u kellu merħla ħmir. Mela darba, intilfulu xi ħmir u bagħat lil Sawl flimkien ma' wieħed mill-qaddejja tiegħu biex ifittxuhom. Damu ħafna jfittxu imma ma sabuhomx. Għalhekk, Sawl beża' li missieru aktar kien ser jibda jitħasseb x'sar minn ibnu milli mill-ħmir u, għalhekk, qatagħha li jerġa' lura idu f'idu. Imma l-qaddej kien sema' li, f'belt qrib tagħhom, kien hemm veġġent u ddeċidew li jmorru għandu biex jgħidilhom hu x'għandhom jagħmlu. Meta waslu f'dik il-belt, sabu lil Samwel, li diġà kien imnebbaħ minn Alla li l-ġuvni li kien ser jiġi jistaqsih fuq il-ħmir huwa dak li kellu jsir l-ewwel sultan. Samwel laqagħhom sewwa u qal lil Sawl li missieru kien diġà sab il-ħmir u bagħtu lura, imma mhux qabel ma dilku sultan u qallu biex jistennieħ sebat ijiem biex jiddikjarah sultan mal-poplu. Samwel sejjaħ it-tribujiet kollha u tella' bix-xorti, l-ewwel it-tribù, imbagħad il-familja u, fl-aħħar, il-persuna li kellha tkun sultan u tela' l-isem ta' Sawl. Sawl kien beżgħan minn din ir-responsabbiltà u staħba imma n-nies sabuh u ddikjarawh sultan.

Sawl beda bit-tajjeb u rebbaħ ħafna battalji lill-Iżraeliti imma, wara, żgarra u ma baqax jobdi l-għamar t'Alla. Għalhekk, Alla reġa' sejjaħ lil Samwel li, sadattant, kien irtira mill-kariga ta' Qassis il-Kbir, u bagħtu jwissi lis-sultan Sawl imma dan baqa' jagħmel ta' rasu. Meta Sawl ma wera ebda sinjal ta' dispjaċir, Alla qal lil Samwel li riedu jmur Betlehem, għand Ġesse, biex jidlek lil wieħed minn uliedu bħala sultan.

Samwel għamel tabirruħu li mar Betlehem biex jagħmel sagrifiċċju għax beża' minn Sawl u sejjaħ lil Ġesse u talbu jġiblu lil uliedu kollha wieħed wieħed. Ġesse hekk għamel u ressaqlu quddiemu lil uliedu, mill-kbir sas-seba' wieħed, imma Samwel qallu li ebda wieħed minnhom ma kien il-magħżul. Fl-aħħar, Ġesse ammetta li kellu tifel ieħor, David, iż-żgħir li kien qed jirgħa n-nagħaġ, u Samwel ried jarah ukoll. Għalhekk, Ġesse bagħat għaliħ u, malli rah, Samwel kien imnebbaħ minn Alla li David kien il-magħżul u dilku. Samwel ma rax lil David maħtur sultan għax laħaq miet qabel seħħ dan. Infatti, David ma kienx maħtur sultan qabel ma għadda minn ħafna avventuri, fosthom il-famuża storja tal-ġgant Gulija u s-suwiċidju ta' Sawl biex ma jaqax f'idejn il-Filistin.



# IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI
# JAWGURA LILL-OMMIJIET KOLLHA
# L-ISBAĦ XEWQAT F'JUM L-OMM

